**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Ġunju, 2024

Rikors Ġuramentat: 216/2021 AL

**A B**

**vs.**

**C D-E F G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 2 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-partijiet li huma ta' nazzjonalita' Franciza, kienu iżżewġu nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' April 2007, ġewwa l-Mauritius. Minn dan iż-żwieġ twieled H I J G, nhar is-sebgħa (7) ta' April 2015 fi Franza;*

*2. Illi nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2018, il-Qorti tal-Famlija ta' Larnaca f'Cipru ippronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;*

*3. Illi wara l-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet, ir-rikorrenti u l-minuri ġew jgħixu ġewwa Malta fis-sena 2018, fejn kien diġa qiegħed jirrisjedi l-intimat;*

*4. Illi bejn is-sena 2018 u 2019, ir-rikorrenti kienet qed taffaċċja problemi ta' kooperazzjoni mill-intimat fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment għal minuri, u eżerċitar ta' aċċess. Għal din ir-raġuni, irrikorriet għal proċeduri ta' medjazzjoni, li wasslu għal ftehim bejn il-partijiet, iffirmat nhar is-sitta (6) ta' Settembru 2019 (anness u mmarkat Dok A);*

*Illi permezz ta' dan il-ftehim, il-partijiet qablu li, hekk kif stipulat fi klawsola 1; il-kura u kustodja tal-minuri għandha tkun kongunta, bir-residenza ordinarja tal-minuri fdata f'idejn 'l Omm. U skont klawsola 4, ir-residenza abbitwali tal-minuri għandha tkun mal-omm, b'aċċess favur il-missier fil-weekend u festi pubbliċi kif stipulat fl-istess kuntratt;*

*5. Illi r-rikorrenti li taħdem fl-industrija tal-avjazzjoni kienet issiefer spiss bil-minuri, u dan dejjem għamlitu bil-kunsens tal-intimat, hekk kif tixhed l-annessa skrittura li saret bejn il-partijiet, immarkata Dok B;*

*6. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti kellha paga konsiderevoli u kienet tipprovdi għal maggoranza tal-bżonnijiet tal-minuri hi, hekk kif ammess mill-intimat stess f'risposta tal-intimat fl-atti ta' medjazzjoni numru 528/19 għar-rikors tal-attriċi datat 2 ta' Mejju 2019, annessa u mmarkata Dok C. Apparti minn hekk,*

*ir-rikorrenti dejjem rat kif irrangat sabiex ikollha ħinijiet lavorattivi flessibbli sabiex tkun tista' tlaħħaq mal- bżonnijiet tal-minuri u tagħtih l-attenzjoni u l-għajnuna li jkollu bżonn;*

*Illi għal kuntrarju tar-rikorrenti, l-intimat jaħdem fil-qasam tal-Food and Beverage, u minħabba li jaħdem siegħat twal, ma jkunx jista' jżomm il-minuri għal perjodi twal ta' granet, infatti l-arrangament bejn il-partijiet dejjem kien li l-minuri jirrisjedi mal-omm. Tant hu hekk, li l-intimat fir-residenza tiegħu lanqas biss għandu kamra tas-sodda attrezzata speċifikament għal minuri;*

*7. Illi sussegwentement għal dan il-ftehim, faqgħet il-pandemija tal-Covid-19 li affetwat l-istabbilita' tal-impjieg tar-rikorrenti.*

*Illi di fatti, l-kumpanija li kienet qiegħda taħdem magħha hawn Malta, Comlux Malta Limited, itterminat il-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti, li kien ta' natura indefinita nhar it-30 ta' Novembru 2020, minħabba 'cirkustanzi 'l barra mill-kontroll ta' minn iħaddem'. (anness korrispondenza tal-Jobsplus, immarkat Dok D). Wara li seħħ dan din l-istess kumpanija baqgħet timpjega lir-rikorrenti permezz ta' kuntratti ta' impjieg ta' durata qasira, li kienu jiġu imgedda kull tlett xhur (hekk kif jindikaw l-annessi addendums għal kuntratt ta' impjieg immarkati Dok E);*

*Illi minħabba dan, ir-rikorrenti bdiet tfittex impjieg ieħor f'Malta, iżda dan ma wassal għal ebda riżultat. Prova ta' dan, annessa u mmarkata Dok F hija korrispondenza elettronika li kellha ir-rikorrenti ma' rappreżentant ta' Kumpannija li magħha applikat għal posizzjoni ta' 'Crew Planner and Logistics' iżda ġiet infurmata li ma intgħażlitx;*

*8. Illi r-rikorrenti irnexxilha ssib impjieg ma' kumpannija tal-avjazzjoni ġewwa Franza, li talbuha tibda' l-impjieġ tagħha nhar il-15 ta' Awwissu 2021. Kif rat hekk ir-rikorrenti*

*ikkomunikat mal-intimat fejn spjegatlu is-sitwazzjoni kollha, u qaltlu li in vista ta' din l-opportunita' ta' xogħol qed tikkunsidra rilokazzjoni għal Franza, bil-minuri. Din il- proposta għamlita, wara li r-rikorrenti għamlet ir-riċerka neċessarja biex tara jekk ikunx jaqbel li l-minuri jmur jgħix magħha Franza. L-intimat ġie mgħarraf b'dan kollu permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Lulju 2021, annessa u mmarkata Dok G);*

*9. Illi l-intimat, mill-ewwel oġġezzjona għal dan, pero r-rikorrenti proċediet xorta waħda bi proċeduri ta' medjazzjoni b'tentattiv li tispjegalu aħjar x'għandha f'moħħha u kif tali rilokazzjoni mhux biss kienet ser tkun minħabba xogħolha iżda kif din ser tkun fl-aħjar interess għal minuri binhom ukoll, fosthom;*

*a) Ingħata d-destinazzjoni fejn qed tippjana li tmur; u cioe fir-reġjun ta' Moselle, fil-Belt ta' Yutz,*

*b) Il-minuri jista' jattendi ġo skola primarja f'dan ir-regjun fejn l-istudenti jitkelmu bl-Ingliz u Franċiz,*

*c) Jekk iseħħ dan, il-minuri jkun qiegħed jibda mill-bidu nett f'din l-iskola għaliex Franza, hija fl-eta' tal-minuri li jibdew skola primarja, għaldaqstant, is-sena primarja li għamel Malta, se tkun ta' benefiċċju, u sservi ta' revizjoni għal dak li jkun ser jitgħallem Franza;*

*d) Il-familjari tar-rikorrenti jgħixu Parigi, li huwa biss ħamsin (50) minuta bogħod bl-arju, siegħa u nofs (1:30) bogħod b'ferrovija, u tlett siegħat u erbgħin (3:40) minuta bil-karozza minn Moselle, għaldaqstant ir-rikorrenti jista' jkollha l-għajnuna mill-familjari tagħha, għal kuntrarju tal-posizzjoni tagħha f' Malta fejn ikollha tieħu ħsieb il-minuri waħidha, bl-għajnuna ta' nanny fejn ikun hemm bżonn;*

*e) Il-familjari tal-intimat jgħixu ġewwa Franza ukoll, u għalhekk ikun aktar faċli għal minuri li jarahom;*

*f) L-minuri jkun jista' jsiefer lejn Malta għal perjodi twal sabiex ikun jista' jgawdi lill-missieru għal xahar jew xahrejn sħaħ fil-vaganzi skolastici, u jkollu aċċess għal missieru kull meta jkun jixtieq l-intimat meta l-intimat jitla' jara l-familjari tiegħu ġewwa Franza.*

*10. Illi dan kollu ġie propost mir-rikorrenti, pero' l-intimat baqgħa joggezzjona għal fatt li l-minuri jgħix ma ommu ġewwa Franza;*

*11. Illi r-rikorrenti għandha bżonn is-segwenti impjieg sabiex tkun tista' tkompli tipprovdi għal bżonnijiet tal-minuri u tagħha. Tenut kont tas-sitwazzjoni, ir-rikorrenti talbet estenzjoni sabiex tibda l-impjieġ tagħha aktar tard, bl-għan li tipprova issolvi l-kwistjoni bejn il-partijiet qabel ma' tibda l-imsemmi impjieg. Dan ser ikun possibbli biss, sakemm il-kumpannija fejn sejra taħdem tippermettila li jsir hekk. Jekk il- kumpannija titlobha tibda ser tkun kostretta tagħmel dan biex ma titlifx xogħolha. Ir-rikorrenti ma tistax titlef dan l-impjieġ għaliex diġa kienet iebsa biex jirnexxila ssibu minħabba li jinvolvi settur milqgħut sew mil-pandemija;*

*12. Illi aktar minn hekk, ir-rikorrenti tħoss li jekk il-minuri jitla jgħix magħha Franza, tali rilokazzjoni tkun ta' vantaġġ kbir għal izvilupp, edukazzjoni u ħajja tal-istess minuri. Mhux biss għaliex ser ikun qed jattendi l-iskola mill-ewwel sena tal-primarja fi Franza, imma għaliex ser ikun qrib il-qraba u l-familjari tal-partijiet, ser ikun espost għal kultura u l-istil ta' ħajja tal-pajjiz fejn twieled, u tkun tista' tibqa' tieħu ħsiebu, bl-għajnuna tal-membri familjari tagħha. Għal kuntrarju ta' dak li jiġri bħalissa, fejn ikollha tieħu ħsiebu waħidha għaliex ma għandhiex familjari f'Malta;*

*13. Illi permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 2 ta' Awwissu 2021, l-medjazzjoni bejn il-partijiet*

*ingħalqet, u r-rikorrenti ottjeniet l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex tipproċedi b'kawża. Digriet anness u mmarkat, Dok H.*

*14. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi:*

1. *Tawtorizza li jiġi emendat il-kuntratt ta' kura u kustodja ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar is-6 ta' Settembru 2019 fl-aħjar interess tal-minuri;*

2. *Tordna li klawsola 1 tal-kuntratt tiġi emendata billi l-kura u kustodja tal-minuri tibqa' kongunta bejn iż-żewġ partijiet bir-residenza ordinarja tal-minuri tibqa' mal-Omm, b'dan illi l-minuri jirrisjedi ġewwa Franza;*

3. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tikteb lill-minuri ġewwa skola f'Yutz Franza bl- isem Ecole Elementaire Charles Peguy, bl-indirizz 101, Grand'rue, 57970 Yutz u thassar klawsola 2.2 tal-kuntratt fejn il-partijiet kienu qablu li l-minuri jattendi l-Kullegg ta' Saint Edwards fil-Birgu;*

4. *Tawtorizza l-emendi ta' klawsoli 4 u 5 tal-kuntratt, li fihom hemm stipulat id-dritt tal-intimat għal aċċess għal minuri, u tordna aċċess tal-intimat għal minuri adegwat, fl-aħjar interess tal-minuri, tenut kont tal-fatt li l-intimat ser jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta;*

5. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimat fl-eventwali kontumaci;*

6. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirreġistra l-att relattiv fir-Registru Pubbliku għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi.*

*U dan salv provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrila xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tat-2 ta' Awwissu 2021[2] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti mil-liġi.

Rat il-kopja tal-kuntratt ta' kura u kustodja[3] ffirmat bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Doctor Fiona Zammit Armeni fis-6 ta' Settembru 2019;

Rat kopja tat-traduzzjoni taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri;[4]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[5] tal-5 ta' April 2022, fejn ġie eċċepit:

*1. Illi l-eċċepjent jibda billi josserva illi hu qed joġġezzjona bil-qawwa talbiet kollha attriċi stante illi dawn huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kontra taghha;*

*2. Illi l-eċċepjent jiċħad bl-iktar mod kategoriku l-allegazzjonijiet attriċi illi hu mhux qed jikkoopera magħha kif ukoll illi hu mhux jikontribwixxi versu l-manteniment tal-minuri binhom;*

*3. Illi l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet nhar is-6 ta' Settembru 2019, liema kuntratt ġie iffirmat b'mod liberu mil-partijiet, jikkostitwixxi u jirrappreżenta l-ftehim milħuq bejn il-partijiet*

[2] Fol. 33.
[3] Fol. 13.
[4] Fol. 355.
[5] Fol. 49.

*liema ftehim ma għandux jiġi iddisturbat u dan in konformita mal-prinċipju ben stabbilit tal-pacta sunt servanda,*

*4. Illi li l-minuri jerġa jiġi imġiegħel mir-rikorrenti illi jitrasloka ruhu minn pajjiż għal ieħor, certament ma hijiex fl-aħjar interess tiegħu. Illi l-minuri issa dara u issetilja hawn Malta, jattendi skola hawn Malta, isegwi varji attivitajiet extra-kurrikulari u għandu diversi ħbieb hawn Malta kif ukoll dara s-sistema edukattiva u l-istil ta' ħajja tagħna. Illi li l-minuri jiġi mġiegħel jitrasloka ruħu għal-pajjiż ieħor ser tkun ta' detriment kbir għalih li indubbjament ser iġġib nuqqas ta' stabbiltà f'ħajtu u ser tfixkel l-iżvilupp edukattiv tiegħu;*

*5. Illi r-residenza ordinarja tal-minuri hija hawn Malta u din ma għandiex tiġi disturbata kapriċċożament mir-rikorrenti;*

*6. Illi di piu' minbarra l-impatt negattiv li tali traslog ser indubbjament ikollu fuq il-minuri, dan ikun ifisser ukoll illi l-hu ser jiġi effetivament deprivat minn missieru u milli l-esponenti jeżerċita l-aċċess li jisthoqqlu kif maqbul volontarjament bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-6 ta' Settembru, 2019;*

*7. Illi assolutament ma huwiex aċċettabbli illi l-ewwel jintlaħaq ftehim u sussegwentement jiġi varjat fuq talba ta' xi waħda mil-partijiet;*

*8. Illi ma hemmx ċirkostanzi li huma suffiċjentement ġustifikati li jimmeritaw illi l-ftehim de quo rigwardanti l-minuri jiġi emendat. Illi hawn Malta hawn diversi opportunitajiet tax-xogħol li tista' tapplika għalihom ir-rikorrenti. Barra minn hekk jekk l-attriċi tinsisti illi titlaq minn Malta din ma għandiex ixxekkel l-stabbiltà tal-eċċepjent u ibnu hawn Malta;*

*9. Illi jekk ir-rikorrenti titħalla titrasloga ruhha għall-Franza mal-minuri, dan ikun ifisser illi effetivament l-eċċepjent ser jitlef kull kontroll ta' ġenitur fuq il-minuri u ser joħloq diffikultajiet enormi sabiex il-missier jaċċedi għall-minuri;*

*10. Illi l-eċċepjent wisq jibża illi r-rikorrenti għandha skopijiet oħra f'moħħha u dan illi inter alia tbiegħed lil minuri minn mal-eċċepjent. Illi jekk ir-rikorrenti titħalla titrasloga ruħha għall-Franza mal-minuri dan ser jippreġudika b'mod irrimedjabbli d-drittijiet tal-eċċepjent qua missier u r-relazzjoni tiegħu ma ibnu;*

*11. Illi l-eċċepjent dejjem segwa u osserva l-obbligi u dmirijiet tiegħu kif jemanu mil-liġi u mil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet nhar 6 ta' Settembru, 2019 fir-rigward tal-minuri;*

*12. Illi magħdud dan hawn fuq eċċepit, huwa evidenti illi it-talbiet attrici ma humiex fl-aħjar interess tal-minuri kif ukoll jivvjolaw il-prinċipju kardinali tal-pacta sunt servanda;*

*13. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-tieni talba attrici hija insostenibbli u ma tista' qatt tiġi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti stante illi tmur oltre l-ġurisdizzjoni territorjali tagħha;*

*14. Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu michuda bl-ispejjeż kollha kontriha stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*15. Salvi, jekk ikun il-każ, rispost ossia, eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2022[6] f’liema seduta l-Qorti ħatret lill-perit legali Dr Claudio Zammit bis-soliti poteri u fakoltajiet u dderiġietu biex iżomm numru kbir ta’ seduti anke fis-Sajf bil-għan li l-provi jinġabru fl-anqas żmien possibli;

---

[6] Fol. 362.

Rat id-digriet tat-2 ta' Ġunju 2022[7] li permezz tiegħu appuntat lill-psikologa Carmen Sammut sabiex tirrelata dwar il-każ u r-rapport imressaq mill-istess psikologa fil-25 ta' Ottubru 2022;[8]

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit;[9]

Rat id-domandi in eskussjoni u r-risposti għall-istess, għar-rapporti tal-Psikologa Carmen Sammut u tal-Perit Legali Dr Claudio Zammit;

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-konvenut ppreżentata fis-17 ta' Jannar 2024;[10]

Semgħet is-sottomissjonijiet verbali taż-żewġ partijiet waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2024;[11]

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[12]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Illi qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, il-Qorti hija tal-fehma li jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tiegħu.

1. **Ir-rapport tal-Perit Legali**

[7] Fol. 380.
[8] Fol. 387.
[9] Fol. 425.
[10] Fol. 511.
[11] Fol. 530a.
[12] Verbal tat-23 ta' Jannar 2024 a. fol. 530.

Illi l-perit legali Dr Claudio Zammit, ġie maħtur għal tali skop fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2022 fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilu żamm is-segwenti numru ta' seduti:

| | | |
|---|---|---|
| (i) | Seduta Numru 1: | 26 ta' Lulju 2022 |
| (ii) | Seduta Numru 2: | 4 ta' Awwissu 2022 |
| (iii) | Seduta Numru 3: | 14 ta' Settembru 2022 |
| (iv) | Seduta Numru 4: | 22 ta' Settembru 2022 |
| (v) | Seduta Numru 5: | 29 ta' Settembru 2022 |

Wara li l-Perit Legali ra r-rikors promotur u r-risposta ġuramentata, huwa kompla r-rapport tiegħu bis-segwenti hekk kif riprodott hawn taħt testwalment:

***<u>Provi tal-attrici</u>***

*Illi l-attrici ressqet is-segwenti provi:*

*Illi **<u>l-attrici</u>**, fl-affidavit taghha, tixhed illi ilha tahdem fis-settur tal-avjazzjoni ghal iktar minn ghoxrin (20) sena. Il-minuri H twieled fis-7 t'April 2015 f'Nizza fi Franza. Il-partijiet kienu mizzewgin izda sseparaw fl-2015 u kisbu divorzju fl-2018. Fl-2019 il-partijiet waslu ghal ftehim dwar il-kura u kustodja tal-imsemmi minuri. L-attrici ntemmilha l-impjieg taghha ma' Comlux f'Malta, u baqa' jiggeddilha biss fuq bazi ta' tliet (3) xhur. F'Gunju 2021 l-attrici kellha offerta ta' xoghol fil-Lussemburgu, b'kondizzjonijiet li skond hi kienu favorevoli. Kien ghalhekk illi hija ddecidiet li tmur toqghod fi Franza, flimkien mat-tifel. Tghid ukoll illi hija pruvat issib impjieg fis-settur tal-avjazzjoni f'Malta, izda ma rnexxilhiex, ghax dan kien fl-aghar zmien tal-Covid. Sussegwentement sabet xoghol ma' JetClub izda l-impjieg taghha gie terminat fl-10 ta'*

*Marzu 2022. Din kienet it-tieni darba fi zmien sena li gie terminat l-impjieg taghha, fuq bazi ta' redundancy.*

*L-attrici tghid ukoll illi hija Franciza, kif huwa wkoll il-minuri; ladarba ssib impjieg tajjeb ma tarax ghalfejn m'ghandhiex m'ghandhiex tghix fi Franza flimkien mat-tifel. Tghid li t-tifel ha jattendi skola tajba u li s-sistema ta' edukazzjoni Franciza hija sistema tajba. Tghid ukoll illi matul hajtu, kienet hi li dejjem hadet hsieb il-htigijiet tat-tifel, u li hija tadatta l-iskeda taghha skond dik tat-tifel. Hi tiehu hsieb dak li jkollu bzonn ghall-iskola. Qalet illi t-tifel kien jattendi l-Kullegg St. Edwards, u hi kienet tkopri zewg terzi tal-ispiza, izda meta sfat bla xoghol ma kellhiex ghazla ghajr li ccaqlaq lit-tifel ghal skola primarja Sant' Anna ta' Wied il-Ghajn. Issemmi wkoll incident fejn il-konvenut kellu jigbor lit-tifel mill-iskola ghaliex l-iskola spiccat kmieni, izda ma marx, u kellha tmur hi wara li cemplulha mill-iskola. Tghid li kien hemm ammont ta' incidenti fejn kellha tintervjeni hi biex tikkontrolla s-sitwazzjoni. Tghid ukoll li kien hemm xi drabi fejn it-tifel safa ma jiflahx waqt li kien mal-konvenut, u dan minflok jiehu hsiebu u jiehdu ghand it-tabib, jiehdu ghandha u hi tiehu l-leave sabiex toqghod mieghu.*

*L-attrici tghid ukoll li l-konvenut ma kkooperax lanqas fuq l-attivitajiet extra-kurrikulari tat-tifel, partikolarment fuq il-kick-boxing u l-football, u ssemmi numru ta' incidenti ta' dizgwid f'dan is-sens. Tghid ukoll li l-familja kemm taghha kif ukoll tal-konvenut ukoll jghixu fi Franza. L-attrici, apparti d-dokumenti relatati mal-impjieg u t-temm ta' impjieg taghha, prezentat ukoll ghadd ta' dokumenti li juru korrispondenza*

*bejnha u l-iskola, kif ukoll xi rapporti tal-iskola dwar il-progress tal-minuri, dokumentazzjoni minn Klabb 3-16, korrispondenza mal-konvenut, ghadd ta' messaggi mal-konvenut tradotti mill-Franciz ghall-Ingliz.*

*Illi l-esponent ra iktar fid-dettall il-ftehim bejn il-partijiet milhuq fis-6 ta' Settembru 2019 li bih il-partijiet ftehmu li l-kura u kustodja tal-minuri kellha tkun wahda konguntiva, filwaqt li r-residenza ordinarja tieghu kellha tkun mal-omm. F'dak il-ftehim, ftehmu wkoll dwar decizjonijiet u spejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll dwar il-granet u hinijiet tal-access tal-missier ghall-minuri fost ohrajn.*

*Illi l-attrici prezentat ukoll skrittura mhux datata li biha l-konvenut kien qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex tivvjagga flimkien mat-tifel u tghammar f'pajjizi differenti flimkien mat-tifel.*

*In kontro-ezami, l-attrici xehdet illi lejn l-2015, f'temp ta' hdax-il xahar, kienet siefret minn Nizza ghal Malta, u mbaghad lura ghal Nizza, u mbaghad lejn Linz, l-Awstrija, u mbaghad lura ghal Nizza, u mbaghad ghal Cipru, fejn damet madwar sentejn. Fiz-zmien li kienet l-Awstrija, Cipru, u l-Ingilterra, it-tifel kien ikun ma' baby-sitter. Qalet illi meta giet Malta kien ghal ragunijiet relatati max-xoghol. Qalet li l-fatt li jmur Franza tkun opportunita' tajba ghat-tifel sabiex jibni l-identita' tieghu, filwaqt li dan ma ghandux ghalfejn jillimita lill-konvenut milli jara lit-tifel.*

*Qalet ukoll illi x-xoghol fil-Lussemburgu ghadu disponibbli, sakemm jitranga kollox. Dan ix-xoghol qieghed tletin minuta*

*sewqan `il boghod minn Franza. Hija tkun tista' tiehu lit-tifel l-iskola fit-tmienja ta' filghodu u tigbru fil-hamsa w nofs ta' filghaxija.*

*Mistoqsija jekk, ladarba tkun Franza, jekk hux se tillimita r-relazzjoni tat-tifel ghall-mobile, qalet li le. Xehdet illi huwa ghandu seba' snin, u mhux tarbija u jista' jzur Malta meta jkun bil-vaganzi. Qalet li t-tifel ghandu xi hbieb minn Parigi mill-kuntatti tal-attrici. Il-qraba tal-attrici joqoghdu Parigi, u ghandha l-familja f'Parigi. Ghandha xi kuntati wkll fi Brittany, il-post minn fejn huwa l-konvenut, u anke f'Nizza. L-iskola fejn tixtieq li jattendi t-tifel fi Thionville hija tliet sighat sewqan 'il boghod minn Parigi. Minn Thionville ghal Brittany, izda, hemm erba' sighat u nofs sewqan filwaqt li minn Thionville ghal Nizza hemm ghaxar sighat sewqan. Dan apparti li wiehed juza l-ajruplan u l-ferrovija.*

***Provi tal-konvenut***

*Illi l-konvenut spjega illi hu u l-attrici sseparaw fl-2015. L-attrici telqet Nizza filwaqt li hu baqa' Malta. Dak iz-zmien, it-tifel kellu erba' (4) xhur. Wara ftit gimghat l-attrici telqet l-Awstrija minhabba x-xoghol, f'appartament li ma kellux ghamara, u hemmhekk l-attrici ma kinitx kuntenta u regghet lura Nizza. Wara ftit taz-zmien l-attrici marret Cipru ghax-xoghol. L-appartament li l-partijiet kellhom f'Nizza tqieghed ghall-bejgh. F'Cipru l-attrici talbet id-divorzju, u dan b'xi mod inghata fl-assenza tal-konvenut. Wara Cipru, l-attrici riedet*

*tmur l-Ingilterra, fejn fil-fatt marret u ghamlet ftit zmien, izda immedjatament wara giet Malta sabiex taghmel xi tahrig.*

*Hawnhekk il-konvenut sab l-opporunita' sabiex iqatta' iktar hin ma' ibnu. It-tifel beda jattenda l-Kullegg St. Edwards, izda sussegwentement beda jattenda skola tal-gvern f'Wied il-Ghajn. F'Settembru 2019, il-partijiet ghamlu ftehim iktar dettaljat dwar dak li kellu x'jaqsam mat-tifel.*

*F'Gunju tal-2021 l-attrici infurmat lill-konvenut li kienet ha titlaq minn Malta u tiehu lit-tifel maghha. Il-konvenut wera li ma kienx jaqbel illi t-tifel jittiehed permantement minn Malta. Il-konvenut ghamel elenku ta' zvantaggi li skond hu jkun hemm jekk it-tifel jittiehed minn Malta, sabiex l-attrici tmur tahdem il-Lussemburgu fejn pjanat. Il-konvenut spjega wkoll kif iqatta' l-hin mat-tifel, kemm f'dak li ghandu x'jaqsam mal-iskola, kif ukoll attivitajiet ohra. Jirrizulta wkoll illi t-tifel imur Klabb 3-16 u jingabar mill-klabb ghall-habta tal-4.30 PM jew il-5 PM. Fil-klabb it-tifel kellu incident wiehed fejn wera dizrispett lejn il-haddiema, izda wara dak l-imgieba tieghu marret ghall-ahjar. Il-konvenut jghid li li kien ghaliha l-attrici bidlittu l-iskola minhabba dan l-incident, izda hu ma qabilx.*

*Il-konvenut jixhed ukoll illi l-futbol huwa l-passjoni tat-tifel, apparti li wkoll imur il-kick boxing. Jghid ukoll illi kien kuntrarju li t-tifel jiehu t-tilqima tal-Covid, ghax ma xtaqx li t-tifel ikun esperiment. Izda minkejja li wera dan mal-attrici, din xorta haditu biex jiehu t-tilqima.*

*Dwar l-attivitajiet li t-tifel jaghmel meta jkun mieghu, il-konvenut jghid li t-tifel ghandu certa rutina. Ikollu l-*

*opportunita' jissocjalizza ma' shabu wara l-iskola, xi kultant isajru, jaghmlu attivitajiet barra, u jmorru l-bahar fis-sajf. Iddeskriva wkoll ir-relazzjoni partikolari li t-tifel ifforma mal-partner tal-konvenut, K, u kif dawn imorru tajjeb hafna flimkien.*

*Il-konvenut prezenta wkoll diversi dokumenti li jittrattaw korrispondenza mal-ghalliema tat-tifel, l-attivitajiet extra-kurrikulari, u korrispondenza mal-attrici.*

*In kontro-ezami il-konvenut ikkonferma li l-partijiet f'din il-kawza huma lkoll Francizi, u cioe' huwa, l-attrici u t-tifel. Huwa ilu joqghod f'Malta ghal disa' (9) snin kontinwi, u ghandu l-intenzjoni li jibqa' f'Malta ghall-mument. M'ghandux hsieb li jitlaq. Il-pozizzjoni tieghu hija li H ghandu jibqa' f'Malta sakemm ommu w missieru ghadhom Malta.*

*Qal li f'dawn l-ahhar seba' snin, ghall-access l-attrici m oggezzjonatlux fil-bicca l-kbira tad-drabi. Qal li meta telqet minn Cipru, l-attrici qaltlu li ha tmur l-Ingilterra ghax gietha opportunita' ta' xoghol ahjar. Qal li jekk it-tifel ikun Franza, bhal ma ghamel f'Cipru, huwa jkun irid jarah. Hu jkun jista' jurieh imhabbtu bil-mezzi li jkun hemm disponibbli. Mistoqsi jekk H ghandux bond tajba man-nanniet miz-zewg nahat, jghid li ma jistax ikun, ghaliex ghandu bond tajba mal-genituri tal-konvenut, izda mhux ma' dawk tal-attrici ghax gew neqsin. Jghid li jaf li ghandu rabtiet tajba mal-familja tieghu izda ma jafx ma' dik tal-attrici, hlief ghall-fatt illi meta ha lit-tifel Franza biex jara l-familja tal-konvenut, ha parti mill-hin li kellu fi Franza biex jintroducieh ma' ziju li jigi hu l-attrici.*

*Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-attrici ma gietx Malta minhabba xi pjan specifiu, izda ghax il-kumpanija li kienet tahdem maghha kellha ufficcju fl-Ingilterra u f'Malta, u ghalhekk ma gietx f'Malta bi pjan, il-konvenut qabel. Qabel ukoll illi meta l-attrici ccaqalqet ghall-Awstrija, Cipru u l-Ingilterra, dan kien bil-kunsens tieghu.*

*Il-konvenut qal ukoll illi l-hinijiet twal tax-xoghol tieghu ikunu fis-sajf, izda fix-xitwa ma jkunx daqtant imhabbat. Mistoqsi kif se jaghmel kieku t-tifel kellu jibqa' Malta mieghu, jghid li hemm il-clubs, u jista' jivverifika max-xoghol biex ikun jista' jigbru wara l-club u jghaddi l-hin mieghu. Mistoqsi x'jigri jekk il-Qorti ma tilqax it-talba tal-attrici, il-konvenut qal li jorganizza lilu nnifsu; huwa f'relazzjoni u mhux ha jiehu hsieb lit-tifel wahdu izda wkoll mal-partner tieghu bhala familja.*

*Ix-xhud qal ukoll illi x-xoghol tieghu huwa fis-sajf, u ma jistax jara kif it-tifel ha jkun jista' jigu ghandu fis-sajf, kemm-il darba jkun jghix Franza. Min-naha l-ohra, ghall-vaganzi tal-Milied u tal-Ghid, m'ghandux ikun hemm problema. Ghas-sajf pero' trid tkun pjanata, u jrid ikellem lill-kollegi tieghu.*

*Mistoqsi jekk ghall-MS Teams u ghall-klabb, kienx jiddependi mill-attrici biex ittieh l-informazzjoni, qal illi t-tifel ikun mal-attrici mit-Tnejn sal-Hamis. Fil-granet tal-iskola ghalhekk ikun maghha. Ghal hafna mid-drabi, ix-xoghol tal-iskola waqt li jkun mieghu effettivament sar.*

*Xehed ukoll **L M**, li ghandu t-tifel habib sew tat-tifel tal-partijiet, u gieli anke raqad ghand il-konvenut. Jilaghbu l-*

*futbol flimkien, u jmorru anke Klabb 3-16 flimkien. Filwaqt li jkellem iktar lill-konvenut, fehem illi l-attrici ma riditx li jkollha x'taqsam maghhom u dan fehmu minn messagg li kienu rcivew hu u l-mara, meta kienu kellmu lill-attrici biex bin il-partijiet imur il-bahar ma' binhom. Ghal-futbol, matul il-gimgha jara lill-attrici takkumpanja lit-tifel, filwaqt li s-Sibtijiet jara lil-konvenut.*

*Xehdet ukoll* ***K N****, li qalet li hija l-gharusa tal-konvenut u kien ilhom flimkien xi sitt snin. Jghixu s-Swieqi, fir-residenza tal-konvenut. Qalet li ghandha relazzjoni tajba ma' H.*

*Xehdet ukoll* ***O P****, oht ix-xhud K N, li ddeskrviet il-karattru ta' H bhala vera helu. Huma jiltaqghu ghand ommha l-Hadd, u jkun hemm li tiltaqa' ma' H. Fil-familja taghha hemm hafna bniet, u H huwa z-zghir, u joffri aspett differenti fil-familja taghha, fis-sens li l-ahwa kollha bniet, u ghandhom ulied bniet. Tikkonferma li l-bond bejn H u l-konvenut hija b'sahhitha hafna. Il-football huwa xi haga kbira hafna ghal H.*

*Xehdet ukoll* ***Q N****, omm ix-xhud K N, li qalet li lill-konvenut tafu ghax ikellem lil bintha u ilhom erba' snin. Tara lil H principalment s-Sibt, il-bahar, ghax imorru l-bahar u t-tifel ikun mal-konvenut, li jghallmu jghum. Ix-xhud* ***R N****, missier K N qal illi H lilu jsejjahlu 'nannu'. H jilghab ma' tfal ohra,*

*neputijiet tax-xhud. Ir-relazzjoni tat-tifel ma‘ missieru hija b’sahhitha hafna.*

***<u>Kunsiderazzjonijiet</u>***

*Illi l-principju li ghandu jiggwida lis-sottoskritt fl-analizi tat-talbiet tal-attrici u t-twegibiet tal-konvenut huwa l-interess u vantagg tal-minuri H. Issir referenza ghas-sentenza Ahmedova Ahmedova Aytyan vs. Dr. Simon Micallef Strafrace et noe, deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fil-31 t’Ottubru 2013, li ghamlet ukoll is-segwenti referenzi:*

> *F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet M. Bonnici vs Onor J. Raynaud[13] fejn gie dikjarat li “Il-principju li ghandu jipprimeggja, meta l-Qorti tigi biex taghti provvediment dwar il-kura tat-tfal huwa dak li huwa suggerit mill-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantagg ghall-interess tal-istess tfal” kif ukoll ghall-kawza fl-ismijiet Dr. V. Randon vs J. Randon[14] u Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino[15] fejn gie ritenut li “r-regola generali f’din il-materja hi l-ahjar interess u vantagg tat-tfal”.*

*Illi l-partijiet f’din il-kawza huma lkoll cittadini Francizi, bhal ma huwa wkoll il-minuri H.*

*Illi s-snin bikrin tal-minuri H kienu karatterizzati minn vjaggar kontinwu. Meta kien ghadu tarbija, it-tifel, li kien mal-attrici, f’temp ta‘ hdax-il xahar ghamel xi hames vjaggi, sakemm l-*

---

[13] Deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 1947, Vol. 33D 1947
[14] Deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 1972
[15] Deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili 1972

*attrici mbaghad ghamlet perjodu itwal f'Cipru. L-esponent fehem illi f'dan iz-zmien l-attrici kellha bzonn tuza s-servizzi ta' baby sitter sabiex tkun tista' trabbi lill-minuri wahidha. Min-naha l-ohra l-konvenut kien diga' qieghed Malta, peress li huwa beda jahdem ma' Marine Aquatic fit-8 t'Awwissu 2013. Kienet tezisti sitwazzjoni ghalhekk fejn il-konvenut kellu post tax-xoghol u residenza fissi fi zmien li t-tifel twieled u fl-ewwel snin tat-tifel, filwaqt li l-attrici kienet qed timxi minn pajjiz ghal iehor bit-tifel. Il-konvenut jghid illi huwa ppermetta li dan jibqa' jsehh, u cioe' li t-tifel ikun esklussivament mal-attrici, peress li haseb li t-tifel kien ghadu tarbija u ghalhekk kien ghad ghandu iktar bzonn t'ommu milli tieghu. Il-konvenut kien sahansitra iffirma skrittura mal-attrici (irrilevantement mis-siwi legali taghha) fejn indika li kien qed jippermetti lill-attrici biex issiefer mal-minuri.*

*Evenwalment, is-sitwazzjoni tal-partijiet versu l-minuri giet formalizzata fil-ftehim li ghamlu fis-6 ta' Settembru 2019, fejn provdew ahjar ghall-kundizzjonijiet dwar il-minuri H. Dan kien fi zmien li l-attrici kienet giet Malta ghaliex inqalghatilha opportunita' ta' xoghol f'Malta. L-attrici ssostni illi l-fatt li giet hawn Malta kien purament minhabba esigenza tax-xoghol u mhux bi pjan. Il-konvenut mhuwiex kuntrarju ghal dan, u in kontro-ezami qabel illi inqalghet il-htiega li l-attrici toqghod f'Malta ghal raguni konnessa max-xoghol.*

*Illi wara l-ftehim tal-2019, il-partijiet komplew b'hajjithom f'Malta. L-attrici kienet tahdem fl-avjazzjoni, filwaqt illi l-konvenut baqa' fil-post tax-xoghol fejn ghadu s'issa. Madwar l-istess zmien, jew ftit qabel, il-konvenut dahal f'relazzjoni fit-*

*tul ma' Maltija, certa K N, li xehdet ukoll f'dawn il-proceduri. L-attrici, min-naha l-ohra, giet affetwata hazin mill-pandemija Covid-19 peress illi tilfet xogholha ghal raguni ta' redundancy. Kien dan li wassalha biex tfittex xoghlijiet ohra u l-attrici ssostni li ghamlet din il-kawza peress li nqalghatilha opportunita' ta' xoghol fil-Lussemburgu, u l-konvenut carament mhux qed jaqbel illi hija tmur tghix Franza (ftit 'il boghod mill-post tax-xoghol) flimkien mat-tifel minuri.*

*Illi s-sitwazzjoni prezenti ghalhekk hija tal-attrici li qed tfittex xoghol ahjar ghaliha u li skond hi ma jistax jigi offrut lilha f'Malta, u tal-konvenut li qed jghix Malta, b'xoghol relattivament fiss f'Malta, u f'relazzjoni ma' persuna li issa ilha madwar hames snin.*

*Illi l-minuri fil-frattemp beda jattendi skola differenti, u cioe' skola tal-gvern Sant'Anna f'Wied il-Ghajn, minflok il-Kullegg St. Edwards, u dan principalment minhabba n-nuqqas ta' dhul tal-attrici. Hemmhekk ghamel hbieb ma' tfal kemm tal-iskola kif ukoll tal-Klabb 3-16 fejn jattendi wara l-iskola. Beda jattendi wkoll in-nursery tal-futbol ta' Marsascala FC kif ukoll ghas-sessjonijet tal-kick boxing. Ikollu l-access ghall-konvenut mill-Gimgha wara nofsinhar sal-Hadd ta' kull gimgha, filwaqt li fil-bqija tal-granet ikun dejjem mal-attrici. Minn dak li jista' jara l-esponent, il-minuri H stabbilixxa ruhu fis-sistema kemm edukattiva kif ukoll dik in generali f'Malta. Filwaqt li ma jidhirx li ghandu Malti tajjeb, jidher li jitkellem tajjeb bl-Ingliz kif ukoll jaf bil-Franciz, u dan iservieh biex ikompli ma' shabu, l-ghalliema, u coaches tal-attivitajiet extra-kurrikulari.*

*Illi s-sottoskritt jehtieg ghalhekk illi jara, fuq dak li diga' ghadda u fuq dak li huwa prospettat ghall-minuri, xi tkun l-ahjar decizjoni ghall-minuri fic-cirkostanzi:*

*Illi l-attrici ssostni li l-konvenut ma jihux interess shih fl-affarijiet tal-minuri, specjalment dawk ta' edukazzjoni. Mill-korrispondenza esebita, jidher pero' illi l-konvenut jipprova jistaqsi minn zmien ghal iehor dwar l-edukazzjoni tal-minuri, u jidher li x-xoghol tal-iskola li jkollu jaghmel il-minuri meta jkun mal-konvenut qed isir. L-esponent osserva pero' zewg fatturi illi jimmilitaw kontra l-konvenut f'dan is-sens. Irrizulta bhala fatt illi l-konvenut kellu problema bl-MS Teams, li huwa l-mezz ta' komunikazzjoni bejn l-iskola/ghalliema u l-genituri tal-istudenti u dan ghaliex ma setax jaccedi ghall-istess. Kien biss wara hafna zmien illi l-konvenut irranga din il-problema. Ma jirrizultax illi l-konvenut prova jirranga din il-problema ta' komunikazzjoni qabel, u ghalhekk it-taghrif dwar l-iskola tal-minuri ghal hafna zmien kellu jottjeniha minghand l-attrici u mhux direttament mill-iskola. Apparti dan, kien biss ricentement li rregistra fuq is-sistema MySchool relatata mal-Klabb 3-16. L-esponent jara ghalhekk illi l-konvenut seta' jaghmel iktar biex ikollu informazzjoni diretta fuq l-andament edukattiv tal-minuri, izda baqa' lura milli jaghmel dan, ghal ragunijiet li jaf huwa biss. Mill-korrispondenza li esebixxa l-konvenut, inoltre, irrizulta illi f'xi zmien huwa ma kellux access ghal kompjuter u ghalhekk ix-xoghol li t-tifel kellu jibghat online ma setax jissottomettieh. Dan ukoll huwa nuqqas iehor li mhuwiex gustifikabbli illum il-gurnata. Kompjuter imqar ta' kwalita' medja huwa essenzjali ghal kull*

*genitur li ghandu uliedu li huma studenti, kemm propju sabiex jissottomettu x-xoghol tad-dar u progetti ohra kif mistenni, kif ukoll jghin b'modi ohra fix-xoghol tal-iskola. Meta mistoqsi dwar dawn in-nuqqasijiet in kontro-ezami, il-konvenut irribatta billi qal illi l-minuri jkun mal-attrici mit-Tnejn sal-Hamis; izda l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-fatt li l-minuri jkun mal-attrici f'dawk il-granet ma jezonerax lill-konvenut milli jsegwi xorta dak li jkun ghaddej anke f'dawk il-granet. Dan ghaliex ix-xoghol li jkollu f'tarf il-gimgha, meta l-minuri jkun mieghu, ikun aktarx mibni fuq dak li jkun sar iktar kmieni fil-gimgha. Issa li ntqal dan, l-esponent irid jiccara illi s-soluzzjoni ghat-talbiet tal-attrici mhux ha tkun ibbazata biss fuq dak li ghadu kemm gie premess, u dan ma jfissirx illi l-konvenut kien necessarjament u totalment fil-hazin; izda l-esponent huwa tal-fehma li f'dan ir-rigward il-konvenut kien fin-nuqqas. Min-naha l-ohra, jidher illi l-attrici kienet kosistenti fl-ghajnuna taghha fl-izvilupp edukattiv tal-minuri, u certament ma kinitx hi li waqqfet milli l-konvenut ikun hu wkoll infurmat dwar tali zvilupp. Mill-korrispondenza li esebiet mal-iskola wriet li hija kontinwament mgharrfa dwar l-izvilupp tal-minuri u dwar il-progress tieghu, u dan kemm id-dettalji l-iktar bazici dwar il-htigijiet li jkollu bzonn minn gurnata ghall-ohra, kif ukoll mir-rapporti ta' kultant li juru xi progress ikun sar.*

*Illi l-attrici ssostni wkoll illi m'ghandhiex opportunita' ta' xoghol ohra f'Malta ghax-xoghol li tixtieq hi. Il-konvenut min-naha l-ohra jghid li dan mhux minnu u fil-fatt jesebixxi avviz ghal impjieg gdid li skond hu jaqbel mal-linja tax-xoghol tal-*

*attrici. Il-fatt hu li jirrizulta illi l-attrici sabet impjieg gdid li skond hi qed jistenniha fil-Lussemburgu u huwa adattat ghal persuni li ghandhom kwalifici bhalha. Il-mistoqsija li tigi hija jekk dan l-impjieg huwiex qed jintuza sabiex l-attrici tifred lill-minuri minn mal-konvenut jew le. L-esponent huwa tal-fehma li dan mhuwiex il-kaz, anke ghaliex kienet l-attrici illi b'ghazla taghha kienet iddecidiet li tigi tahdem f'Malta xi snin ilu, u sakemm kienet ghadha ghaddejja tajjeb fil-qliegh kienet sahansitra dahhlet lit-tifel b'kullegg bil-hlas, u accettat li tohrog sehem ikbar minn dak tal-konvenut fi hlas ghal dan il-kullegg. L-attrici wkoll jidher li lanqas ma ghamlet xi azzjoni, s'issa, biex tithallas ghal xi arretrati li ghandha tithallas minghand il-konvenut ghal skola tas-sajf u Klabb 3-16. Jidher ghalhekk illi mhuwiex dan il-hsieb tal-attrici. L-esponent izda qed jifhem, u dan minn kliem l-attrici, illi dak li trid ghat-tifel mhuwiex biss ghaliex sabet prospett tajjeb ta' xoghol fil-Lussemburgu, izda hija xi haga ferm iktar radikali minn hekk. Fi kliemha stess trid li l-minuri 'jibni l-identita' tieghu u jaghmel konnessjoni ma' gheruqu'. L-esponent f'dan ir-rigward ma jaqbilx li ghax jibqa' Malta l-minuri mhux ha jibni identita' jew mhux ha jaghmel konnessjoni ma' gheruqu; u ghalhekk din ir-raguni hija pjuttost frivola. Mhijiex daqstant frivola min-naha l-ohra ir-raguni l-ohra: cioe' li l-attrici trid tahdem f'post li huwa qrib pajjizha, li ha jippermettilha tghix f'pajjizha, fejn hi taf id-drawwiet u l-kultura ahjar milli f'Malta. Fuq kollox issostni li hemm prospetti ahjar ta' xoghol fil-linja taghha fi Franza u l-inhawi. L-esponent jemmen li finalment, jekk l-attrici tkun f'xoghol fejn taf ahjar il-pajjiz ghaliex twieldet u ghexet hemm, dan ha joffri stabbilta' li Malta ma*

*tistax taghtiha. Huwa minnu li ghall-bidu ta' hajjet it-tifel l-attrici bidlet hafna xoghlijiet u siefret f'pajjizi differenti, izda sussegwentement uriet illi li kieku ma kienx ghall-pandemija u ghat-telf tal-impjieg taghha minhabba l-istess, kienet tkun kapaci tibqa' fix-xoghol li kellha. Ghandu jinghad illi l-attrici bhala wahda mill-genituri ta' H, carament ma tistax taghzel li ma tahdimx, u dan peress li ma tistax toqghod fuq il-manteniment tal-minuri, la biex tghajjex lilha nfisha u lanqas biex jghix il-minuri kif jixraq. Lanqas ma huwa l-kaz li ghandha tirrikorri ghas-servizzi socjali f'Malta, ghaliex l-attrici wriet li hija kapaci tahdem u kapaci tahdem f'settur specifiku hafna, u m'ghandhiex ghalfejn tkun piz fuq l-istat ladarba ghandha l-kwalitajiet mehtiega ghax-xoghol.*

*Illi l-mistoqsija tibqa' jekk huwiex iktar fl-interess tal-minuri li jibqa' f'Malta flimkien mal-missier, jekk l-attrici tiddeciedi li tmur tahdem fil-Lussemburgu, jew ikunx ahjar li l-minuri jmur jghix maghha. L-esponent jifhem illi l-minuri beda jingrana fis-sistema edukattiva ta' Malta u kull caqliqa sejra necessarjament taffetwah, issa li fis-7 t'April 2023 ha jaghlaq tmin (8) snin. Pero' min-naha l-ohra mhijex xi haga inawdita illi tfal jiccaqaqlu minn post ghal iehor, anke minn pajjiz ghal iehor, waqt il-perkors edukattiv taghhom, u dan generalment ikun minhabba ragunijiet ta' xoghol tal-genituri, jew ta' xi wiehed jew ohra mill-genituri, bhal ma huwa propju dan il-kaz.*

*Illi l-esponent jirrizultalu illi s'issa l-attrici, filwaqt li l-minuri kien ikun maghha mit-Tnejn sal-Hamis, rabbietu b'mod li l-esponent ma jara xejn deplorevoli fih. L-esponent innota illi*

l-attrici, wahidha, imxiet tajjeb ma' H fil-jiem li jkun maghha. Il-konvenut, min-naha l-ohra, xi kultant wera riluttanza li jiehu lit-tifel minuri ghall-attivitajiet li tant ihobb, u dan ghaliex skond hu huwa ahjar li l-hin jghaddieh direttament mal-minuri, milli fl-attivitajiet extra-kurrikulari.  L-esponent ma jaqbel xejn ma' dan l-argument, u anzi dan jimmilita kontra l-konvenut.  Filwaqt li l-esponent jifhem illi l-hin tieghu mal-minuri huwa limitat, l-istess minuri ikollu bzonn dawn l-attivitajiet, u ma jfissirx necessarjament li ghax ikun f'attivita' partikolari, dak il-hin ma jkunx qed iqattghu mal-missier. Ghall-kuntrarju anzi, il-fatt li t-tifel jara lil missieru u jinkoraggieh fl-attivita' li jkun qed jaghmel jiswa aktar ta' gid kemm ghat-tifel u kemm ghall-missier.  Ix-xhud K N stess qalet illi jiehdu gost jaraw lit-tifel jaghmel l-isport, partikolarment il-football fi tmiem il-gimgha.  Filwaqt li izda l-attrici tat prova li tista' tmexxi `l quddiem wahidha mat-tifel, il-konvenut meta konfrontat b'din il-mistoqsija, u cioe' kif ha jiehu hsieb lit-tifel wahdu, irrefera ghall-Klabb 3-16, ghall-fatt li jorganizza lilu nnifsu, u ghall-fatt li hu mhuwiex wahdu izda ghandu l-partner.  In kwantu ghar-referenza li l-konvenut ghamel ghall-partner, l-esponent fehem illi l-konvenut qed iserrah fuq dan il-fatt, u fil-fatt jindika li huma familja.  L-esponent ma jaqbilx pero' illi l-konvenut ghandu jserrah fuq il-partner (li xehdet) ghaliex ghalkemm jidher li ghandha kull intenzjoni tajba, huwa l-konvenut li huwa missier il-minuri u mhux il-partner.  Ghall-kuntrarju, l-attrici, ghall-inqas kwantu jirrizulta mill-provi, uriet li ma kellhiex s'issa bzonn lil min joqghod maghha d-dar biex tiehu hsieb lill-minuri.  L-esponent ihoss li jkun ingust mal-minuri li jkollu jiddependi

*fuq il-partner ta' missieru sabiex jittiehed ghall-attivitajiet u jitrabba fl-aktar sens wiesa.*

*Illi l-esponent ghalhekk ma kien xejn konvint, specjalment wara li ra t-twegibiet in kontro-ezami tal-konvenut, illi jekk H ikun jghix mieghu biss hawn Malta, dan ha jkun fl-interess suprem tal-minuri. L-esponent anzi jirrileva li jkun iktar fl-interess ta' H illi jekk ommu ghandha tmur Franza, H imur maghha, bi drittijiet ta' access ampji u stabbiliti ghall-missier.*

*Illi s-sitwazzjoni fi Franza hija tali illi l-qraba kemm tal-attrici kif ukoll tal-konvenut jinsabu hemm. Il-qraba tal-attrici jghixu f'Parigi. Filwaqt li l-genituri taghha gew neqsin, ghandha membri ohra tal-familja estiza f'Parigi, li H gie gia' introdott lilhom. Parigi qieghda xi tliet sighat `il boghod minn fejn l-attrici behsiebha tmur toqghod; jigifieri ma jidhirx li z-zjajjar f'Parigi ha jkunu ta' kuljum; izda m'hemm xejn x'iwaqqaf lill-attrici milli tlaqqghu ma' qraba ohra specjalment fi tmiem il-gimgha u l-vaganzi. Iktar `il boghod, fi Brittany, hemm joqoghdu wkoll in-nanniet paterni ta' H u qraba ohra tal-familja tal-konvenut. Kollox ma' kollox, ghalhekk ghandu jirrizulta li l-qraba ta' H fil-verita' qeghdin Franza, u jekk ikun Franza, H ikun jista' jirrelata ahjar maghhom u jgib iz-zmien mitluf anke jekk diga' ghandu tmin snin. Jirrizulta lill-esponent mill-provi migbura illi kull darba li mar Franza, H mar tajjeb kemm mal-familja tal-attrici kif ukoll dik tal-konvenut. Dan ghandu jawgura tajjeb biex dawn ir-relazzjonijiet tajba jkomplu kemm-il darba H ikun jghix Franza. Minn dawn ir-relazzjonijiet mal-parentela estiza tieghu, il-minuri ghandu x'jiggwadanja, iktar milli jitlef, u*

*ghandhom aktarx jimlewlu l-vojt li kellu f'Malta fejn kellu `l ommu u `l missieru biss, u lanqas ahwa[16], kugini jew zijiet.*

*Illi kwantu ghall-edukazzjoni, kif diga' inghad aktar qabel, l-esponent kellu l-okkazjoni josserva kif H kien qed jintegra ruhu fl-iskola primarja Sant'Anna f'Wied il-Ghajn. Precedentement kien jattendi l-Kullegg St. Edwards u dwar il-progress tieghu f'dak il-kullegg ftit li xejn hemm provi, ghaliex il-provi li ressqet l-attrici kienu aktar dwar is-snin ricenti, fl-iskola ta' Wied il-Ghajn. Kollox ma' kollox, izda, jirrizulta illi H ghamel il-hbieb fl-iskola fejn qieghed, jaghmel xoghlu u integra f'din l-iskola. Il-proposta tal-attrici ghal Franza hija li ddahhal lil H fl-iskola Montessori ta' Thionville, u dan hekk kif indikat fl-affidavit. Din hija skola li t-taghlim fiha jsir kemm bil-Franciz kif ukoll bl-Ingliz. H ikun jista' b'hekk jintegra f'din l-iskola ghax jaf iz-zewg lingwi. L-indikazzjonijiet huma li minn punto di vista ta' edukazzjoni, H kapaci jmur tajjeb anke fi Franza, purche' l-bidla issir mal-ewwel opportunita' possibbli u idealment qabel ma tibda sena skolastika ohra. Min-naha l-ohra, fl-avviz, l-attrici qed tindika li trid iddahhal lil H fl-iskola elementari Charles Peguy li tinsab f'Yutz, Franza. Ghalkemm l-esponent jifhem li dawn iz-zewg skejjel, u cioe' dik imsemmija fir-rikors guramentat u dik imsemmija fl-affidavit, huma qrib, madankollu ma jidhirx li huma l-istess. Minn tiftix li ghamel is-sottoskritt jidher li dik ta' Thionville hija skola privata filwaqt li ta' Yutz mhijiex. Anke f'dan il-kaz, l-esponent jirrileva li ladarba H jaf bil-Franciz ghandu jmur tajjeb anke fl-iskola li hemm f'Yutz.*

[16] Dan il-punt dwar ahwa qed jissemma specifikament ghaliex il-konvenut indika li H gieli jaghmilha li ghandu huh immaginarju, u gieli semmielu li xtaq li kellu huh/ohtu.

*Wara kollox f'Malta, H attenda skola tal-gvern fejn it-taghlim huwa bil-Malti u bl-Ingliz. Illi ghalhekk, konsistentement mat-talbiet tal-attrici, l-esponent jirrileva illi l-awtorizzazzjoni ghandha tkun sabiex l-attrici tikteb lil H fl-iskola Charles Peguy u mhux Montessori.*

*Illi dwar l-access tal-konvenut, ladarba l-attrici u l-minuri jkunu Franza, dan ghandu jkun regolat rigorozament, kemm kwantu ghaz-zminijiet kif ukoll ghall-ispejjez involuti. Minn tiftix li ghamel is-sottoskritt, jirrizulta li l-iskola fi Franza tibda fil-bidu ta' Settembru u tispicca fil-bidu ta' Lulju. Matul is-sena skolastika ikun hemm is-segwenti vaganzi li huma vaganzi fit-tul:*

*Tal-Qaddisin kollha – Mit-tielet gimgha t'Ottubru sal-ewwel gimgha ta' Novembru;*

*Tal-Milied – Minn ftit wara nofs Dicembru sal-ewwel gimgha ta' Jannar;*

*Tax-xitwa – Minn nofs Frar sal-ahhar ta' Frar;*[17]

*Tar-rebbiegha – Minn nofs April sal-bidu ta' Mejju;*

*Pont de l'Ascension – Ftit jiem bejn nofs Mejju sat-tielet gimgha ta' Mejju;*

*Tas-sajf: Mit-tieni gimgha ta' Lulju sal-bidu ta' Settembru.*

*Illi ghalhekk ikun xieraq illi l-minuri ikollu access ghall-konvenut kif gej. Fis-segwenti jiem il-konvenut ghandu jkollu access billi jmur jara lill-minuri fi Franza u jzommu mieghu:*

---

[17] Ghall-fini ta' vaganzi tax-xitwa u tar-rebbiegha, Franza hija maqsuma fi tliet zoni differenti, bi tliet perjodi differenti ta' vaganzi, u l-post fejn trid tmur tghix l-attrici jaqa' f'Zona B.

*Vaganzi Tal-Qaddisin kollha – Sitt'ijiem matul dawn il-vaganzi;*

*Vaganzi tax-xitwa – Hamest'ijiem matul dawn il-vaganzi;*

*Vaganzi tar-rebbiegha – Hamest'ijiem matul dawn il-vaganzi;*

*Ghal kull wahda mit-tliet vaganzi fuq imsemmija, il-konvenut ghandu javza bil-miktub u b'mezzi elettronici, mill-inqas xahar qabel, lill-attrici dwar liema ha jkunu il-jiem li fihom ha jezercita l-access. L-attrici ghandha tindika bil-miktub lill-konvenut liema huwa l-mezz elettroniku preferut minnha sabiex tintbaghtilha din il-korrispondenza, u ghandu jigi meqjus li dan ikun il-mezz ufficcjali li bih il-partijiet jikkomunikaw dwar l-access.*

*Apparti dawn, il-konvenut ikollu wkoll il-jedd li jaghzel zewg (2) weekends ohra matul is-sena, skond ic-cirkostanzi tieghu, li fihom ikun jista' jkollu access ghal H fi Franza, purke' jaghti lill-attrici pre-avviz ta' xahrejn dwar l-ghazla ta' dawn il-weekends. Dawn il-weekends ghandhom ikunu mill-Gimgha fis-sitta ta' fil-ghaxija (6 PM) sal-Hadd fis-sitta ta' fil-ghaxija (6 PM). Id-dati ta' dawn il-weekends ma jistghux ikunu fil-gimaghtejn ta' qabel kull darba li H ikollu l-ezamijiet, u ma jistghux ikunu lanqas f'dati li fihom l-attrici tkun ghazlet li ssiefer/taghmel vaganza flimkien mat-tifel, b'mod li titbieghed iktar minn mitt kilometru minn fejn l-attrici tkun toqghod. B'dana izda illi kemm-il darba l-konvenut javza lill-attrici bid-dati li fihom ha jkun qed jezercita dawn il-weekends ta' access, l-attrici ma tkunx tista' mbaghad, wara li tiricievi l-avviz tat-thaddim tal-acess, tippjana safar/vaganzi mat-tifel*

*fid-dati maghzula mal-missieri, u dan b'eccezzjoni ta' safar li l-minuri jista' jkollu u li jkun konness mal-iskola/attivita' extra-kurrikulari.*

*L-esponent jirrileva li H ghandu jmur jara lill-konvenut f'Malta wkoll. Ghalhekk fis-segwenti dati l-minuri ghandu jmur Malta biex jara lill-konvenut:*

*Mill-24 ta' Dicembru tas-sena li tkun kurrenti sat-2 ta' Jannar tas-sena sussegwenti;*

*Mill-10 ta' Lulju sal-31 ta' Lulju;*

*B'dana illi jekk xi data minn dawn tkun tahbat gurnata/granet tal-iskola, il-minuri ghandu jitlaq minn Franza fl-ewwel gurnata li jkun imiss wara li tispicca l-iskola. Bl-istess mod, jekk meta jispicca l-access tkun diga' bdiet l-iskola, H ghandu jigi ritornat fi Franza jumejn (2) qabel ma tibda l-iskola. Dan qed jinghad biss ghal kull fini, ghaliex fid-dati fuq imsemija ma ghandux ikun il-kaz li H ikollu l-iskola.*

*L-ispejjez tal-ivvjaggar bl-ajru tal-minuri kull darba li jigi u jitlaq lura minn Malta ghandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet, filwaqt li kull parti li tkun qed takkumpanja lill-minuri ghandha thallas hi ghall-ispejjez tal-ivvjaggar taghha. Kull darba li l-minuri jigi Malta, l-omm ghandha takkumpanjah fil-vjagg minn Franza ghal Malta, filwaqt li l-missier jakkumpanjah fil-vjagg lura minn Malta ghal Franza.*

*L-esponent huwa wkoll tal-fehma li ghandu jigi impost fuq l-attrici l-obbligu li tippermetti lill-minuri sabiex kull nhar ta' Sibt ikellem lill-konvenut online, permezz ta' video call. Il-partijiet,*

*jekk jidhrilhom, ikunu jistghu ukoll izidu l-frekwenza ta' dawn il-calls, bi qbil bejniethom.*

*L-esponent huwa tal-fehma li jekk il-konvenut jaghzel li jmur jghix fi Franza mill-gdid, jew fil-Lussemburgu, l-Belgju jew il-Germanja, f'post li ma jkunx aktar minn mitt (100) kilometru `l boghod minn fejn ikun jirrisjedi t-tifel, l-access ghandu jibqa' dak kif miftiehem bejn il-partijiet fil-ftehim tas-6 ta' Settembru 2019, b'dana illi tali access jibqa' kif hemm indikat matul is-sena kollha, u ma ssirx distinzjoni bejn is-sajf u x-xitwa.*

***L-eccezzjonijiet tal-konvenut***

*Illi kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut, l-ewwel eccezzjoni kienet fis-sens illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Kif jirrizulta aktar `l isfel, l-esponent ma jaqbilx li t-talbiet huma infondati; u dan ghar-ragunijiet imsemmija aktar `il fuq.*

*Illi kwantu ghat-tieni eccezzjoni, fis-sens illi l-esponent mhux qed jikkoopera mal-attrici, kif ukoll mhux jikkontribwixxi versu l-manteniment tal-minuri, ghandu jinghad illi kwantu ghall-manteniment propju jidher li dan qieghed jithallas, izda hemm ukoll allegazzjoni, mhux michuda mill-konvenut f'dan l-istadju, illi baqa' x'jithallsu diversi arretrati ghall-hlas tal-Klabb 3-16 u ta' skola sajf, u dan mill-2019 lil hawn. Ghalhekk din il-parti tal-eccezzjoni m'ghandhiex tigi milqugha, u dan semplicement ghaliex il-konvenut jidher li ma hallasx sehmu ta' nofs mill-ispejjez tal-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kollha dovuti s'issa, skond il-ftehim*

*ta' bejn il-partijiet tas-6 ta' Settembru 2019. Illi kwantu ghall-allegazzjoni tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, l-attrici semmiet xi incidenti fejn il-konvenut ghazel li ma jihux lil H ghall-attivitajiet tieghu, bil-hsieb li huwa ahjar li l-minuri jqatta' l-hin direttament mieghu. Dwar dan l-esponent diga' ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu iktar `il fuq, u jista' verament jinghad illi fl-imghoddi kien hemm dawn l-ezempji ta' nuqqas ta' kooperazzjoni.*

*Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu il-konvenut jiccita l-principju tal-pacta sunt servanda. Dan il-principju johrog minn Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jiddisponi:*

> *992. (1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
>
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi.*

*Illi principju bhal dan, fl-ambitu ta' litigji dwar affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-familja, jigi invokat generalment f'kazijiet fejn ikun hemm talba ghal xi varjazzjoni ta' manteniment. F'dawk il-kazijiet, il-pozizzjoni tal-gurisprudenza tal-bidu kienet illi dak li kien gie stipulat kellu jkun osservat u ma kellux ikun hemm flessibilita' sabiex jigi varjat dak li gie stipulat. Maz-zmien, il-gurisprudenza bdiet tippermetti li jkun hemm certa flessibilita' fl-interpretazzjoni ta' dan il-principju. Fis-sentenza L Anthony Wyson vs. Melanie Laus deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu 2019*

*saret ukoll referenza ghal din il-possibilita' ta' flessibilita', u intqal:*

> *"Iktar recentement, fil-kawza fl-ismijiet D Pierre sive D Borg vs Nicole Borg*[18]*, il-Qorti ta' l-Appell riteniet illi- "Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta'*[19] *tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu".*

> *"Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Saviour Galea vs Carmela Galea, fejn il-Qorti ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina kif ukoll referenza ghas-sentenza Vella vs Vella*[20] *u kkondividiet il-fehma ormai pacifiku illi jekk jikkonkorru cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' minn hu obbligat ghall-hlas tal-manteniment, li ipogguh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni tal-manteniment stipulat ex contractu. "Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli in materja hija wahda ferm gusta u ghalhekk taqbel perfettament ma'*

---

[18] Deciza 30 ta' Novembru 2012

[19] Sottolinear ta' dik l-Onorabbli Qorti

[20] Deciza 11 ta' Jannar 1996

*dan l-insenjament gurisprudenzjali u tadottah pjenament*[21] *.*

*Illi b-istess mod bhal ma japplika ghall-kwistjonijiet dwar manteniment, il-principju pacta sunt servanda japplika wkoll ghall-kundizzjonijiet l-ohra f'kuntratt, fosthom ghal dawk tal-kuntratt in kwestjoni. Filwaqt li l-konvenut ghalhekk kellu kull jedd illi jinvoka dan il-principju, jehtieg wiehed jara jekk hemmx l-elementi stabbiliti mill-gurisprudenza sabiex wiehed jiddipartixxi minnu u cioe' jehtieg wiehed jara jekk hemm cirkostanza gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attrici li jirrendu s-sitwazzjoni tali li l-minuri ma jibqax jghix Malta u jinkiteb fi skola ohra barra minn Malta. L-esponent hu tal-fehma illi l-attrici rnexxielha tipprova illi c-cirkostanzi taghha inbidlu b'mod tali illi s-sitwazzjoni eccezzjonali li gabet maghha il-pandemija fis-settur tal-avjazzjoni ma ghen xejn sabiex l-impjiegi f'dan is-settur jibqghu stabbli kif kienu qabel. Problemi ohra bhall-inflazzjoni, il-prezz taz-zejt, u l-gwerra fl-Ukraina komplew ma ghenux sabiex dan is-settur jirkupra mill-gdid fis-shih. L-esponent jara ghalhekk li dan huwa kaz klassiku ta' kaz eccezzjonali li huwa indipendenti mill-volonta' tal-attrici sabiex tkompli tahdem f'xoghol sikur f'Malta, u ghalhekk f'dan il-kaz wiehed ghandu jiddipartixxi mill-principju pacta sunt servanda kif interpretat tradizzjonalment, u japplika ghalih l-iktar interpretazzjoni ricenti, cioe' dik ta' flessibilita'. Ghalhekk l-esponent huwa tal-fehma li t-thaddim strett ta' dan il-principju m'ghandux japplika ghal dan il-kaz.*

[21] Vide wkoll Stephen Camilleri vs. Suzanne Camilleri, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' April 2016

*Illi kwantu ghar-raba' eccezzjoni, huwa minnu illi H issa dara fis-sistema edukattiva u generali ta' Malta, u dan gie anke indikat mill-esponent fi bnadi ohra ta' dan ir-rapport. Il-konvenut izda jeccepixxi wkoll illi jekk jigi mgieghel jittrasloka ruhu ghal pajjiz iehor dan ser ikun ta' detriment kbir ghalih. Ma' dan l-esponent ma jaqbilx. Diga' inghataw f'dan ir-rapport xi ragunijiet ghalfejn dan ma ghandux ikun minnu, apparti li wiehed irid jikkonsidra wkoll illi l-minuri mhux ha jittrasloka ghal xi pajjiz kwalsiasi, izda ghal Franza, li huwa l-pajjiz fejn iz-zewg genituri tieghu gew imrobbija, li huwa wkoll il-pajjiz li tieghu huwa cittadin, u fejn ghandu wkoll il-familja estiza. Ghalhekk l-esponent huwa tal-fehma li lanqas din l-eccezzoni ma hija gustifikata.*

*Illi fil-hames eccezzjoni tieghu il-konvenut jindika li r-residenza ordinarja tal-minuri hija Malta u din ma ghandhiex tigi kapriccozament disturbata mir-rikorrenti. L-esponent jaqbel ma' din l-eccezzjoni, izda jirrizulta illi r-residenza ordinarja tal-minuri mhux ha tinbidel kapriccozament, u dan ghar-ragunijiet moghtija f'dan ir-rapport. Ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tisthoqq li tintlaqa'.*

*Illi fis-sitt eccezzjoni tieghu il-konvenut jghid li jekk jintlaqghu it-talbiet tal-attrici, il-konvenut se jigi deprivat minn ibnu. Dan mhux ha jkun il-kaz. Fil-parti relattiva ghall-access f'dan ir-rapport, qed jigu stabbiliti zminijiet ghall-access tal-konvenut ghal ibnu.*

*Illi l-eccezzjonjiet numru sebgha (7) sa tnax (12) gew gia' indirizzati f'dak li ntqal dwar l-ewwel sitt (6) eccezzjonijiet iktar 'il fuq.*

*Illi kwantu ghat-tlettax-il eccezzjoni, il-konvenut isostni li t-tieni talba attrici hija insostenibbli u ma tista' qatt tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti stante illi tmur oltra l-gurisdizzjoni territorjali taghha. L-esponent josserva illi dak li qed jintalab huwa l-varjazzjoni ta' klawsola wiehed (1) tal-kuntratt. Dan il-kuntratt pubblikat fis-6 ta' Settembru 2019 huwa kuntratt li gie ffirmat mill-partijiet u ppubblikat quddiem Nutar f'Malta, b'awtorizzazzjoni ta' Qorti f'Malta.*

*Illi l-esponent jaghmel referenza ghal Artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:*

> *742. (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*
>
> *(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*
>
> *(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*
>
> *(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.*

*Illi jirrizulta ghalhekk illi ghal dan il-kuntratt u ghall-partijiet japplikaw l-Artikolu 742 (1) fis-sub-incizi (b), (d), (f) u (g) tieghu, u ghalhekk il-kwistjoni ma tohrogx 'il barra mill-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kif eccepit mill-konvenut. Ghaldaqstant, lanqas din l-eccezzjoni ma tistoqq li tintlaqa'.*

***KONKLUZJONI***

*Illi ghalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi dina l-Onorabbli Qorti:-*

*Tilqa' l-ewwel talba attrici;*

*Tilqa' t-tieni talba attrici;*

*Tilqa' t-tielet talba attrici;*

*Tilqa' r-raba' talba attrici, bil-modalitajiet ta' access kif deskritti iktar 'il fuq;*

*Tilqa' l-hames talba attrici;*

*Tilqa' s-sitt talba attrici.*

*Fic-cirkostanzi is-sottoskritt huwa tal-fehma illi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħa konsiderazzjoni dettaljata u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u rat illi l-Perit Legali qeda bis-sewwa l-obbligu tiegħu u pprovda lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi jkun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha speċjalment fid-dawl tal-fatt illi ma taqbilx mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali u dan kif ser jiġi spjegat iktar il-quddiem.

**2. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz ta' din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob illi l-kuntratt li hija ffirmat flimkien mal-konvenut fl-2019 jiġi emendat b'dak illi l-kura u kustodja tal-minuri H tibqa' konġunta, bir-

residenza ordinarja tibqa' mal-omm iżda li hija tkun tista' tieħu lill-minuri jirrisjedi ġewwa Franza fejn hija trid tmur għal raġunijiet ta' xogħol. Hija titlob ukoll illi:

a. L-Qorti tawtorizżżaha tirreġistra lill-minuri ġewwa skola f'Yutx Franza bl-isem Ecole Elementaire Charles Peguy u
b. Tawtorizża emendi fil-klawżoli tal-aċċess tal-missier tenut kont li l-missier ser jibqa' Malta;

Il-konvenut joġġezzjona bil-qawwa għat-talbiet kollha tal-attriċi stante illi *inter alia* jgħid illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet m'għandux jiġi disturbat in konformi mal-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* u li ċertament li ma hux fl-aħjar interessi tal-minuri li jerġa' jiġi spostjat mill-pajjiż wara li l-attriċi diġà fil-passat irrilokat minn pajjiż għall-ieħor bit-tifel magħha. Huwa jgħid li dan ser iġib nuqqas ta' stabbilta` f'ħajjet it-tifel u se jċaħdu minn missieru.

3. **Il-Verzjoni tal-Partijiet:**

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verżjoni tal-partijiet, u dan in vista tal-fatt illi dan diġà jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu. In sintezi, il-Qorti tara illi:

a) L-attriċi tħoss illi huwa dritt tagħha illi tirriloka ġewwa Franza ladarba l-linja ta' xogħol tagħha u *ċioé* l-avjazzjoni, hija linja partikolari u li ġewwa Franza ser ikollha opportunità ta' xogħol aħjar bi gwadann ta' aktar flus u li għalhekk il-minuri se jgawdi hu stess. Tgħid li dan ma hux ta' detriment għat-tifel li temmen li jaġġusta ġewwa Franza; anzi li hemm jagħmel konnessjoni ma' għeruqu għaliex huma familja Franċiża u hija opportunità li jiltaqa' iktar mal-familja estiża tiegħu u li hi jista' jkollha s-support tagħhom għaliex hawn Malta ma għandha lil ħadd;

b) Il-konvenut minn naħa tiegħu jisħaq li l-attriċi qed tagħmel dan il-pass għal gwadann personali tagħha iżda li lit-tifel ser tkun qed tkissirlu dak li rnexxielu jibni hawn Malta kemm fil-kommunità kif ukoll il-*bond* ma' missieru. Huwa jisħaq illi jekk ser ikunu qed jirrisjedu f'pajjiżi differenti huwa ser jinqata' minn ħajjet it-tifel u li huwa għandu *support system* hawn Malta biex jieħu ħsieb lit-tifel f'każ li l-omm tiddeċiedi li titlaq weħedha mingħajr it-tifel.

## 4. Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern

Il-partijiet, it-tnejn ta' nazzjonalità Franċiża, iżżewwġu fit-23 ta' April 2007 u minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri H I J G nhar is-7 ta' April 2015 ġewwa Franza. Il-partijiet ottjenew divorzju fit-28 ta' Frar 2018 u l-attriċi għexet f'pajjiżi differenti flimkien mat-tifel sakemm fl-2019 ġiet Malta għal raġunijiet ta' xogħol, fejn kien hawn diġà jgħix il-konvenut u fis-6 ta' Settembru 2019 huma ffirmaw ftehim ta' kura u kustodja fejn ftehmu *inter alia* illi:

*(1) The care and custody of the said minor is being granted to both parents acting jointly, so however that the ordinary residence of the said minor child shall be with the Mother.*

*(2) Both parents shall jointly take all necessary decisions regarding the health and education of the said minor child and shall revert to the competent Court in case of conflict or disagreement...*

*...*
*(4) The minor shall reside habitually with the Mother; the Father shall have access to the Minor every weekend, with pick up of the minor every Friday at one (1.00pm) or at three in the afternoon (3.00pm) from*

*school. The Minor shall remain with the Father from the said time on Friday until the following Sunday at ten in the morning (10.00am) whereupon the minor shall be returned by the Father to the Mother at the Mother's place of residence.*

*...*

Dan sakemm imbagħad l-attriċi tgħid li ġiet *redundant* mill-post tax-xogħol li kienet taħdem miegħu hawn Malta minħabba li taħdem fl-industrija tal-avjazzjoni u kien żmien il-pandemija tal-COVID-19. Meta mbagħad ġietha opportunità ta' xogħol ġewwa l-Lussemburgu, tletin minuta sewqan il-bogħod minn Franza, talbet lill-konvenut kunsens sabiex terġa' għal darb' oħra titrażloka bit-tifel, li sadanittant kien bena relazzjoni ma' missieru hawn Malta, u tmur bih ġewwa Franza fejn il-partijiet għandhom ukoll il-familji estiżi tagħhom. Madanakollu l-konvenut irrifjuta li jagħti l-kunsens għal dan u għalhekk kellha tipproċedi b'din il-kawża.

Kif jgħid fir-rapport tiegħu l-Perit Legali[22], in kontro-eżami l-attriċi xehdet illi lejn l-2015, jiġifieri meta t-tifel kien għadu tarbija, hija telqet minn Franza u f'temp ta' ħdax-il xahar, kienet siefret minn Nizza għal Malta, u mbagħad lura għal Nizza, u mbagħad lejn Linz, l-Awstrija, u mbagħad lura għal Nizza, u mbagħad għal Ċipru, fejn damet madwar sentejn. Fiż-żmien li kienet l-Awstrija, Ċipru u l-Ingilterra it-tifel kien ikun mal-*baby-sitter*. Ir-rilokazzjoni minn post għal ieħor dejjem kienet minħabba għażliet ta' xogħol fil-fatt hija tgħid fil-kontro-eżami illi "*Coming to Malta was a professional decision. When I decided to go to Linz, Austria and Cyprus and London for training it was always a professional decision.*"[23] Ovvjament il-konvenut kien ikollu isiefer biex jara lil ibnu wara li ħadu d-divorzju.

[22] Fol. 428.
[23] Seduta tal-4 ta' Awwissu 2022 a. fol. 453.

Il-Qorti ser tibda mill-punt illi l-partijiet iffirmaw ftehim bejniethom illi l-attriċi donnha ma tifhimx il-portata tiegħu. Għalkemm ħajjitha bit-tifel kienet karatterizzata minn safar minn post għal ieħor u għajxien f'pajjiżi differenti, meta ġiet Malta hija ħadet deċiżjoni li tiffirma kuntratt mal-konvenut iżda donnha li ma fehimtx li permezz ta' dan il-kuntratt hija qiegħda tidħol fi ftehim li ma tistax tinħall minnu kif ġib u laħaq biex hija tista' tkompli bl-istess *pattern* li kienet qed tgħix bih qabel. Hija riedet tagħmel ftehim għaliex tgħid illi kellha problema bil-manteniment iżda issa ma tistax toqgħod tagħżel mill-ftehim għal liema klawżoli japplikaw u liema tista' tbiddel kif ġieb u laħaq.

Hawn issir referenza għall-prinċipju kkwotat f'dan il-każ dak tal-*pacta sunt servanda.* Tali prinċipju huwa nkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kap 16:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

Għandu jiġi ċċarat illi l-prinċipju ta' *pacta sunt servanda* li huwa l-prinċipju bażilari li jirregola l-kuntratti ma jiġix osservat mill-Qorti b'tali mod riġidu anke jekk dan imur kontra l-aħjar interessi tat-tfal. Dan fis-sens illi l-Qorti tagħraf illi f'ċirkostanzi fejn l-affarijiet jinbidlu b'tali mod illi jekk ser jibqa' jiġi osservat il-kuntratt dan ser ikun ta' detriment għat-tfal, mela hemm ma tistax tagħlaq għajnejha u tapplika b'mod riġidu dan il-prinċipju. Fil-fatt jingħad fil-każ fl-ismijiet **AB vs CD**[24]**:**

*"Fl-ewwel lok u fir-rigward tal-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ li jolqtu biss lil mizzewġin, u ċjoe' inter alia, l-manteniment, is-*

[24] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-27 ta' Mejju 2021 (Rik. Ġur. Nru. 23/15AL).

*suċċessjoni, il-molestar, il-kapaċita' legali, il-kunjom, ix-xoljiment, il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, appena dawn il-kwistjonijiet jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom dawn għandhom jiġu meqjusa finalizzati definittivament, mingħajr il-lok li wieħed jista' jerġa' jittenta jidħol fil-mertu tagħhom quddiem il-Qorti, salv jekk jkun hemm xi qbil bejn il-partijiet nfushom. Min-naħa l-oħra u fit-tieni lok, dawk il-kwistjonijiet naxxenti miz-zwieġ izda li jolqtu ulied il-mizzewġin, u ċjoe' l-kura, kustodja, l-aċċess u l-manteniment, appena dawn jiġu deċizi mill-mizzewġin fil-kuntratt tal-firda personali tagħhom, dawn ma jistgħux jitqiesu bħala kwistjonijiet definittivi, għaliex jista' jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi li ma jkunx qiegħed jagħmel ġid lill-interessi tal-ulied, u b'hekk ikun meħtieġ li l-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni jerġgħu jiġu riveduti abbazi tal-bdil taċ-ċirkostanzi in kwistjoni.*

*Il-Qorti ma tarax xieraq u f'loku illi sabiex tiġi applikata rigorozament il-prinċipju tal-pacta sunt servanda, għandha taljena lilha nnifisha mill-interessi supremi tal-ulied. Dan zgur ma huwiex l-obbligu ta' din il-Qorti, u lanqas ma huwa fl-interess tagħha li tara li l-ulied ikunu l-vittmi tal-ġenituri tagħhom stess. Fl-aħħar mill-aħħar huwa proprju għalhekk li ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili l-leġizlatur pprovda lil Qorti tal-Familja bid-diskrezzjoni assoluta li tiddeċiedi skont kif jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi meta si tratta l-ulied, għaliex minħabba ir-reziljenza ta' bejn ġenituri li ma baqgħux flimkien bħala koppja, mizzewġa o meno, jista' jagħti l-kaz li l-interessi tal-minuri jiġu skartati minħabba l-ego."*

Huwa f'dan l-isfond illi wieħed irid jagħrbel din is-sitwazzjoni li l-Qorti għandha quddiemha. Il-Qorti tħoss illi f'dan il-każ iċ-ċirkostanzi huma propjament il-kuntrarju ta' dan – il-minuri f'dan il-każ huwa *settled* hawn Malta u kuntent maż-żewġ ġenituri u ma hemmx ċirkostanzi illi inizzjaw kwistjoni illi l-kuntratt qed imur kontra l-aħjar interessi tat-tifel. Ma ġara xejn minn meta ġie iffirmat il-kuntratt illi nbidel b'mod illi dak

mifthiem m'għadux fl-aħjar interess tal-minuri. Il-Perit Legali jikkwota sentenzi li jgħidu illi f'ċirkostanzi gravi, eċċezzjonali jew indipendenti mill-volontà tal-parti ġabuha fl-impossibiltà li tkompli teżegwixxi l-obbligu tal-ħlas ta' manteniment pattwit. Huwa jgħid li għalhekk dan li jingħad għall-manteniment jista' jiġi applikat hawn. Il-Qorti ma hix tal-istess fehemha u dan għaliex ma jistax hawn jingħad illi ġraw ċirkostanzi eċċezzjonali li ġabuha fl-impossibiltà li tkompli teżegwixxi l-obbligi li kkommettiet għalihom fil-kuntratt.

Huwa vera li l-omm sfat *redundant* minħabba l-pandemija, madanakollu hija mbagħad sabet xogħol ieħor u mill-evidenza li jġib il-konvenut il-post tagħha ġiet riklamata[25] xhur wara hawn Malta fuq *website* fejn wieħed jista' jara postijiet tax-xogħol li qed jiġu riklamati jiġifieri xogħolijiet fil-linja tagħha jeżistu hawn Malta wkoll. Magħdud ma' dan il-Qorti ma hix konvinta li huwa għalhekk illi l-attriċi trid titlaq minn Malta. Kif jixhed il-passat tagħha hija dejjem imxiet minħabba opportunitajiet ta' xogħol, kif tixhed hi stess, u għalhekk dan ma kien xejn differenti. Jista' jagħti każ illi r-*role* li hija sabet ġewwa l-Lussemburgu kienet iktar ta' vantaġġ għaliha fil-karriera, għalkemm hija ssemmi biss li bħala *role* tħallas iktar, madanakollu dan ma jfissirx li ġraw ċirkostanzi gravi u eċċezzjonali li biddlu ċ-ċirkostanzi tal-kuntratt għaliex hawn Malta kien hawn *jobs* simili li fihom ħadmet hi stess. Qabel il-pandemija ma mxietx minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali iżda sempliċiment minħabba raġunijiet professjonali. Il-Qorti tħoss li l-attriċi trid timxi għal l-istess raġunijiet ta' qabel u tonqos milli tagħraf illi issa hija kienet daħlet f'kuntratt mal-konvenut u għalhekk kellha obbligu li żżomm mal-kuntratt kif għandu wkoll il-konvenut. Il-fatt li trid terġa' timxi f'pajjiż ieħor bħal ma dejjem għamlet għal raġunijiet professjonali (la għar-raġel u lanqas għat-tifel) ma kienx fatt impreviddibli u l-attriċi setgħet ħasbet fuqu fil-mument li daħlet f'kuntratt mal-konvenut. F'dak il-mument hija kkommettiet għal dawk l-obbligi. Il-konvenut daħal

[25] Fol. 235.

f'dan il-kuntratt, ftehmu illi l-kura u kustodja tat-tifel ser tkun konġunta, ikkommetta kif joħroġ mill-provi sabiex jibni relazzjoni soda mat-tifel, kien qed jeżerċita l-aċċess mifthiem u għamel il-pjanijiet tiegħu wkoll ladarba kien hemm kuntratt definit u issa l-attriċi qed tippretendi li jinsew dak kollu u tkompli bil-*pattern* ta' qabel li tieħu lit-tifel minn post għal ieħor mingħajr ma tkun qed taffetwa lill-konvenut u fuq kollox lit-tifel.

Il-Qorti lanqas ma taqbel mad-difensur tal-attriċi li jgħid illi fil-kuntratt ma hemm imkien li jgħid li *habitual residence* ma' l-omm trid tkun Malta.  Għalkemm dan ma jingħadx *in so many words* madanakollu huwa ċar daqs il-kristall illi l-intenzjoni tal-partijiet f'dak il-mument kien propju dak, tant illi l-aċċess tal-missier kellu jibda kull nhar ta' Ġimgħa meta dan jiġbru mill-iskola.  Ovjament tali aċċess kif mifthiem ma setax iseħħ kieku l-attriċi qiegħda bit-tifel f'pajjiż ieħor.

Fil-fatt l-attriċi stess tagħti raġunijiet oħra għalfejn trid titlaq lejn Franza bit-tifel prinċipalment illi *"This will be for the best of my son, to identify his roots."*[26] u tgħid ukoll li tali rilokazzjoni tkun ta' vantaġġ għax ser tkun qrib il-qraba u l-familjari tal-partijiet u ser ikun espost għall-kultura u l-istil ta' ħajja tal-pajjiż fejn twieled.  Dawn kienu vantaġġi li setgħet tagħraf ukoll fil-waqt tal-iffirmar tal-kuntratt.

Il-Qorti għalhekk mingħajr preġudizzju għal dak li diġà ntqal dwar il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda* sejra tara jekk din ir-rilokazzjoni hix fl-aħjar interessi tal-minuri.  Kif ben magħruf f'dawn it-tip ta' kawżi l-Qorti dejjem tisħaq li l-ewwel konsiderazzjoni għandha tkun *the best interests of the child.* Tgħid il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo,**[27] stated that "*The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the*

[26] Seduta tal-4ta' Awwissu 2022 a. fol. 453. U
[27] Decided on the 25th of November 1998.

*parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."*

Tgħid ukoll il-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal f'Artikolu 3:

"*In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, the best interests of the child shall be a primary consideration."*

Jirriżulta għalhekk illi *the best interests of the child* għandhom ikun konsiderazzjoni primarja. Dan ma jfissirx illi l-Qorti ma għandhiex tqis konsiderazzjonijiet oħra; infatti l-Konvenzjoni tuża '***a*** *primary consideration'* jiġifieri jista' jkun hemm fatturi oħra, madanakollu l-Qorti trid tara li dawn il-konsiderazzjonijiet ma jkunux qed jitpoġġew qabel l-interessi tat-tfal a detriment tagħhom. Infatti tgħid il-Qorti Ewropeja fil-każ **Sahin vs Germany [GC],**[28] li *the child's best interests may, depending on their nature and seriousness, override those of the parents.*

L-attriċi fil-fatt tgħid li tali rilokazzjoni ser tkun ta' vantaġġ għat-tifel li jista' jerġa' jsib l-għeruq tiegħu f'pajjiżu u dan ser ikun ta' vantaġġ għal iżvilupp, edukazzjoni u ħajja tal-istess minuri u jkun qrib tal-familjari tiegħu. Il-Qorti madanakollu tħoss li dan kollu qed jingħad biss għaliex l-attriċi trid tirriloka minħabba l-karriera tagħha. Issa fiha nnifisha din ir-raġuni ma hix raġuni ħażina u kif jgħid id-difensur tagħha fit-trattazzjoni, l-Qrati tagħna jagħrfu d-dritt tal-ġenituri li jibnu

[28] No. 30943/96, § 66, ECHR 2003-VIII.

karriera anke wara separazzjoni/divorzju. Madanakollu wieħed ma jistax idawwar kollox ma' dan il-fatt u jippretendi li ta' madwaru għandhom jaddattaw kull darba għax-xewqat tiegħu biex dan javvanza fil-karriera. L-attriċi trid tiftakar li din id-darba ffirmat kuntratt u b'hekk wiegħdet lill-konvenut li ser twettaq ċerti obbligi. Apparti minn hekk il-Qorti ma hix konvinta illi l-attriċi vera temmen li huwa daqshekk importanti li jkollha s-support tal-familja qrib tagħha u li t-tifel jerġa' jiskopri għeruqu għaliex meta kien għadu tarbija, fejn jekk xejn kellha iktar bżonn ta' support, hija ma ddejqitx titlaq minn Franza minħabba x-xogħol u t-tifel kien ikun mal-*babysitters*. Issa f'dan il-mument wara li rritornat Malta s-sitwazzjoni nbidlet. Hija ma hix *single mother* kif tgħid li hi[29] u ma tistax tippretendi li hi hekk biex tevita l-fatt li hemm missier, li qed jieħu r-responsabbilitajiet ta' missier kif evidenti mill-provi, u li l-missier bena relazzjoni soda ma' ibnu u li għalhekk il-passi li ser tagħmel hi ser jaffetwaw lil binha li ma għadux tarbija u li wara li ġabitu hawn Malta hi stess minħabba x-xogħol tagħha bena ħajja u relazzjonijiet hawn Malta.

Il-Qorti tisħaq illi d-drittijiet tal-omm għal bini ta' karriera ma jistgħux ikunu assoluti fiċ-ċirkostanzi. Huwa vera li kien hemm istanzi li l-missier żbalja fis-sens illi per eżempju ma segwiex il-portal tal-iskola u għalhekk it-tifel ma għamilx xi xogħol tal-iskola, madanakollu jirriżulta biċ-ċar li meta ġie nvolut il-missier ħa fuqu b'mod sħiħ ir-responsabbilitajiet ta' missier u qed jibni relazzjoni sabiħa ma' ibnu tant li ibnu huwa mtaqqal b'dan li issa qed jiġri. Jidher biċ-ċar anke mid-dokumenti li produċa l-missier illi huwa għamel kuntatt tajjeb mal-iskola meta kien hemm bżonn u anke mal-għalliema tal-attivitajiet extra-kurrikulari. Il-Qorti tħoss illi peress li l-omm kellha dejjem it-tifel jgħix magħha hija drat tieħu ċerta deċiżjonijiet weħedha mingħajr ma tikkonsulta mal-missier. Il-missier jidher li għandu opinjoni li jixtieq jesprimi dwar ħajjet it-tifel u għalhekk jixtieq u għandu fil-fatt

[29] Affidavit tal-attriċi a. fol. 61.

ikun involut b'mod sħiħ fejn jidħlu deċiżjonijiet ta' attivitajiet li jmur it-tifel u deċiżjonijiet iktar serji bħal meta riedet tittieħed id-deċiżjoni jekk it-tifel jingħatax il-vaċċin tal-COVID-19. Għall-omm hija iktar faċli li tgħix ħajja għal rasha, fejn u kif trid hi mat-tifel, u tinqeda b'terzi għas-support iżda mhix tagħraf illi minkejja li r-relazzjoni tagħha mal-missier spiċċat, ir-relazzjoni tagħha mal-missier *qua* t-tifel ma tistax tieqaf kemm għaliex il-missier għandu l-kura u kustodja konġunta tat-tifel, kemm għaliex huwa qiegħed fil-fatt jieħu sehem attiv f'ħajjet it-tifel u anke għaliex issa t-tifel bena relazzjoni sabiħa ma' missieru hekk fiż-żmien meta t-tifel kien fl-istess pajjiż ma' missieru.

Jingħad għalhekk illi l-interessi tal-omm ma jistgħux jingħataw prijorità l-ewwel u qabel kollox mingħajr ma jiġu bilanċjati ma' dawk tal-minuri. L-attriċi tippreferi li t-tifel jiġi kkurat minn terzi (*babysitters*) jew familja estiża milli minn missieru li tant iħobbu. Hija tgħid "*So far I have never needed such assistance, but if in the eventually that there is need of some assistance, I know at the back of my mind that there are a number of family members that I can rely on.*"[30] Madanakollu hawn Malta hawn il-missier li għandu jkun hu li jingħata ċ-ċans li jaqsam ir-responsabbilitajiet tal-omm għall-affarijiet tat-tifel. Il-Qorti ma tħossx li l-omm ġabet provi tali li juru li l-missier m'huwiex wieħed responsabbli, anzi jidher li huwa missier involut sew f'ħajjet it-tifel tant li t-tifel bena *bond* sabiħa ma' missieru li lanqas ma tiġi mix-xejn. Tant qatt ma kien missier irresponsabbli li l-omm stess fl-2019 aċċettat li jkollha kura u kustodja konġunta miegħu meta ffirmaw il-kuntratt. Il-Qorti ma taqbilx mal-Perit Legali li jgħid li donnha l-omm għandha pjan meta tmur Franza kif ser tagħmel bit-tifel u li l-missier m'għandux. L-unika pjan li għandha l-omm għalkemm jidher sempliċi ma jfissirx li huwa l-ideali fiċ-ċirkostanzi. Kif jgħid il-Perit Legali[31] l-attriċi offriet risposta meta mistoqsija kif ser torganizza ruħha weħedha bit-tifel u

[30] Fol. 61.
[31] Fol. 438.

fil-fatt hija tgħid "*The job is in Luxembourg, 30 minutes from France. H would stay at school because school starts 8.30 AM, the breakfast club is from 7 AM till 8.30 AM, and then 8.30 AM till 4.30 PM is the school and then 4.30 PM till 7 PM is the club after school. The work is half an hour from school. The job is in Luxembourg. From school to Luxembourg there is a 30 minute drive, with traffic maybe 45 mins. I drop H at 8 o'clock and will pick him up between 5.30 PM and 6 PM and during that time he is doing school work, at school, because this is what they do; the same as here."*[32]

Kull ma qalet għalhekk, kif jista' jsir hawn Malta stess, huwa li t-tifel jista' joqgħod ma' terzi wara l-iskola għaliex fuq kollox ma semmietx li l-familja estiża ħa tkun qed tgħinha fil-ħajja ta' kuljum u dan il-Qorti tista' tagħrfu weħedha għaliex il-familja estiża xorta waħda ma hix qrib biżżejjed biex jagħmlu dan. Hija kuntenta tħallih ma' terzi meta hawn Malta żgur li f'ċertu istanzi anke mhux fil-ħinijiet stretti tal-aċċess jista' joffri s-support tiegħu l-missier. Meta l-konvenut kien affaċjat bil-mistoqsija x'jagħmel bit-tifel jekk l-omm ma tkunx f'pajjiżna, huwa jgħid li jrid jorganizza ruħu, irrefera għall-Klabb 3-16 u anke għall-*partner* u l-familja tagħha. Il-konvenut ilu tlettax-il sena fl-istess xogħol u ilu snin fl-istess relazzjoni u għalhekk joħroġ biċ-ċar li huwa bniedem affidabbli kemm fil-ħajja personali u anke f'xogħlu u li jista' joffri stabbiltà. Fil-fatt *Manager* li ħadmet fil-qrib mal-konvenut tgħid li "*Without any doubt and while speaking in the name of my fellow managerial colleagues I can willingly say that C is focused, reliable, professional, organised, pursuant of his goals with a bright character making it a pleasure for all of our employees to work with. He is a fantastic team leader with the constant aim to achieve favourable and better results."*[33]

---

[32] Seduta tal-4 ta' Awwissu 2022 a. fol. 451.
[33] Dokument preżentat mal-affidavit tal-konvenut a fol. 278.

Il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi l-minuri għandu bżonn din l-istabbilità. L-attriċi tgħid li hija temmen li għandha trabbi lit-tifel *open minded,*[34] ħaġa li fiha nnifisha hija tajba, madanakollu tonqos milli tqis it-tibdil kollu li għadda minnu dan it-tifel diġà f'ħajtu u *ċioé*; 1. meta kellu diġà jgħaddi mit-trawma li kull separazzjoni ta' ġenituri inevitabilment iġġib magħha 2. ir-rilokazzjonijiet kollha li saru, fejn anke jekk komdu ma' ommu, żgur kellu kull darba jaġġusta ruħu għal realta` ġdida u rutini differenti, 3. l-involviment ta' missieru f'ħajtu meta ġew Malta 4. l-aġġustament għal ħajja ta' ommu u missieru fl-istess pajjiż u 5. issa l-proposta ta' bidla oħra li mhux ser iġġib biss magħha bdil ta' pajjiż iżda wkoll li dan it-tifel ser jispiċċa jgħix f'pajjiż differenti minn missieru. Hawn wieħed ma jistax ma jirreferix għar-rapport li rrediġiet il-psikologa Carmen Sammut[35] li ltaqgħet kemm mal-ġenituri u wkoll mat-tifel u ġibdet ċerti konklużjonijiet anke minn *assessment tools* li użat u wkoll għat-tweġibiet in eskussjoni.[36] Hija tgħid proprju li t-tifel diġà kellu u għadu jaġġusta għall-fatt li l-ġenituri m'għadhomx flimkien, issa ser jerġa' jkollu jaġġusta għall-fatt li ser jerġa' jinfired minn ma' missieru.

Hawn irridu niftakru illi qed nitkellmu dwar minuri li għadu żgħir ħafna. Tant it-tifel għadu teneru li kif tixhed il-*partner* tal-konvenut għadu jrid idejn missieru biex jorqod.[37] Id-difensur tal-attriċi jipprova jpinġi s-sitwazzjoni bħala waħda naturali u li bilfors il-bidla ser tnissel ċertu biża fit-tifel. Madanakollu li wieħed jinjora l-pariri kollha tal-psikologa u jinsisti li dan kollu huwa normali u li t-tifel mhux ser jiġi affetwat bl-ebda mod li jitlaq mill-pajjiż fejn ser ikun missieru u fejn qed iħoss stabbilità hija *stance* irresponsabbli għall-aħħar u ċertament li l-Qorti ma tkunx qed tħares l-aqwa interessi tat-tfal jekk kellha taċċetta dan.

---

[34] Affidavit tal-attriċi a fol. 64.
[35] Fol. 387.
[36] Seduta tal-31 ta' Mejju 2023 a. fol. 485.
[37] Xhieda ta' K N fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2022 a fol. 459.

Kif tgħid il-psikologa Carmen Sammut, *because the thing is that in these four years-five now, he had established the second best after his parents were not together, he had established a situation where he had contact with both parents and this was being threatened by the fact that things will change.*[38]

Li t-tifel imantni l-bond li għandu ma' missieru hija ċertament iktar importanti f'dan il-mument milli li jsib għeruqu li jista' jagħmlu fil-futur. Jekk jitlef dan iż-żmien ma' missieru ikun tilef żmien prezzjuz li ma jerġax jiġi lura. Dawn huma s-snin formattivi tat-tifel u huwa prezzjuz li t-tifel ikollu ż-żewġ ġenituri f'pajjiż wieħed speċjalment fid-dawl tal-fatt li għandu daqstant relazzjoni tajba mat-tnejn. Fil-fatt tgħid Carmen Sammut:

*"What I was saying was, what would be important for the child, even if the mother had to go alone, it would still be a loss but the mother knows what she needs to do. But what i am saying is that the child staying in Malta, with both of the parents staying in Malta, when the child is staying in Malta what I am saying is that if both parents are staying here, then that is the ideal. Of course that will protect the stability."*[39]

Ma huwiex il-każ li l-omm, għallinqas sakemm jikber it-tifel, ma tistax issib opportunitajiet hawn Malta kif fuq kollox fil-passat sabet u rrilokat għalihom. Jista' jkun li dan mhux x'tixtieq fil-preżent, iżda l-ħajja magħmulha minn għażliet u jekk fil-passat saru ċertu għażliet wieħed irid jibqa' *committed* għalihom u mhux jinjorahom għal dak li jixtieq hu mingħajr ma jkun hemm konsegwenzi. Tgħid fil-fatt Ms Sammut "*I am a child psychologist, I am saying that in the best interest of the child, it is the ideal situation, it might not be the ideal situation for both parents, we are talking about*

[38] Fol. 487.
[39] Fol. 489.

*the child. As the child's psychologist I am saying that it would protect the stability that he has here"*[40]

Infatti l-Qorti diġà tiddeplora l-fatt illi t-tifel huwa mdejjaq għax qed iħoss li għandu jagħżel bejn iż-żewġ ġenituri. Din hija pożizzjoni li t-tfal qatt m'għandhom jinġiebu fiha. Hija inutli li l-omm tgħid li ma għandux ikun hemm din l-għażla għaliex il-missier jista' jitla jara lil ibnu fil-vaganzi, għaliex ir-realtà hija tant mod ieħor li t-tifel innifsu qed iħoss sens ta' dwejjaq li hemm ċans li l-ġenituri ma jibqgħux fl-istess pajjiż. Inutli nduru mal-lewża u ngħidu li mhux ser jinqata' l-kuntatt għaliex it-tifel ikun jista' jkellem lil missieru mod ieħor; ir-realtà hija li t-tifel fil-verità għandu bżonn kuntatt ma' missieru kif qed isir issa. Infatti t-tifel li kieku jista' jgħix maż-żewġ ġenituri flimkien u hija profonda ħafna l-fatt li jgħid *"I want to live with my mum and my dad but I can't because they are divorced."* Mela kif jista' qatt wieħed jgħid li din it-tieni firda ma hix ser tkun ta' detriment għalih wara li dan it-tifel qed iħoss li ta' lanqas issa għandu relazzjoni tajba maż-żewġ ġenituri u dara sistema fejn iqatta' ħin magħhom it-tnejn? Għandhom ikunu l-*extended family* li jarahom fil-vaganzi u mhux lil missier. Fuq kollox il-konvenut jgħid[41] li l-omm marret darbtejn biss tara lill-familja tagħha ġewwa Franza jiġifieri ma kienx daqsekk spiss li t-tifel kien qed jibni daqstant relazzjoni profonda magħhom.

Il-Qorti hija konvinta, minn analiżi akkurata ta' dan il-każ kif ukoll mill-osservazzjonijiet tal-psikologa, illi t-tifel għandu bżonn bażi u stabbilità u li mhux dejjem joqgħod imbeżża mill-pass li jmiss. Huwa diġà kellu jgħaddi minn inċertezza sakemm qed jipproċedi dan il-każ u għalhekk ma jafx x'ser isir minnu, issa l-Qorti ma tistax taċċetta wkoll li dan it-tifel jitbiegħed b'dan il-mod minn missieru. Wieħed lanqas ma jista' jserraħ rasu mill-fatt li, kif qal id-difensur tal-attriċi, hija tikkommetti ruħha li tibqa' Franza għaliex hawn Malta hija

[40] Fol. 489.
[41] Seduta tad-29 ta' Settembru 2022 a. fol. 473.

kkommettiet ruħha b'kuntratt iżda xorta waħda qed titlob li tagħmel dan il-pass. Hija tonqos milli tifhem illi d-deċiżjonijiet tagħha għandhom riperkussjonijiet fuq ħaddieħor. Ma jistax wieħed jikkowta każijiet dwar rilokazzjoni mingħajr ma jara speċifikament id-dettalji ta' dan il-każ. Dan ma hux każ ta' rilokazzjoni waħda iżda ta' *pattern* u li fiċ-ċirkostanzi kollha ġja spjegati ma hix kwistjoni li l-Qorti ma hix tqis ukoll l-interessi tal-omm fis-sitwazzjoni.

Huwa *naive* li wieħed jgħid li r-relazzjoni mal-missier tibqa' l-istess jekk it-tifel ikun qed jgħix f'pajjiż ieħor, biss biss il-missier ma hux ser ikun involut fid-deċiżjonijiet ta' kuljum tal-omm li diġà qed turi anke minn hawn Malta stess li ma tantx hi disposta tinvolvih għaliex tieħu d-deċiżjonijiet weħedha, aħseb u ara jekk tkun f'pajjiż differenti. Għalkemm jeżistu ċirkostanzi fejn it-tfal ikollhom jaraw lil wieħed mill-ġenituri tagħhom fil-vaganzi biss wieħed ma jistax jinnormalizza din is-sitwazzjoni u jrid iżomm f'moħħu li f'dan il-każ is-sitwazzjoni ma hix hekk fil-preżent u għalhekk ser ikun hemm bidla drastika (għall-agħar għax fuq kollox hawn qed nitkellmu fuq missier it-tifel mhux fuq xi ħadd barrani) li ser taffetwa lit-tifel meta m'hemmx bżonn vitali li l-omm tagħmel dan il-pass. Hawn l-omm ma għandhiex kura u kustodja weħedha u l-missier huwa nvolut sew f'ħajjet it-tifel tant li t-tifel diġà dispratament jgħid li ma jafx kif ser jagħżel bejn it-tnejn.

Il-Qorti fil-fatt tikkonkludi billi tikkwota u tadotta l-konklużjonijiet tal-psikologa Carmen Sammut fejn tgħid illi:

*If the mother moves to France, with or without H, the separation from one parent will still be the consequence that the child has to live with. As a professional myself, I understand that as adults we may have our own plans for our lives, and we may feel that we need to fit in our child into our plans, also to try to justify our reasoning by arguing that this is all in the best interests of the child. Which in part it is*

*as the child's relationship with a parent is very important. But that is only half of the story, as the other half has the adult putting the child into a situation where he loses all the stability that he had by going to live in another country, even if it is the country he has been born in. As well as moving him away from the other parent, who he had been developing a healthy attachment to these last four years.*

*...*

*H is able to enjoy some quality time with his mother in the evening during the week, and then has the ability to enjoy some quality time with the father from Friday to Sunday morning, which he will not have the opportunity to compensate for if he moves to another country.*
*...*

*To conclude, the ideal solution is very easy to comprehend: it is for both parents to remain close to where the child resides so he can still enjoy the kind of relationship that he has been developing with his family. That is what would be in the best interest of the child obviously. However, life is usually more complicated than the obvious ideal straightforward solution staring everyone in the face. It is up to the parents of H to separate their own interests from those of the child, especially when he is of such a young age and depends on them to be able to put his needs first, and come to a solution which would also integrate within it the best interests of H.*

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-attriċi fl-intjer tagħhom bl-ispejjeż kontra l-attriċi.